KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
TANCHEV
ippreżentati fit-2 ta' Lulju 2020 [1]

Kawża C-265/19

Recorded Artists Actors Performers Ltd
vs
Phonographic Performance (Ireland) Ltd,
Minister for Jobs, Enterprise and Innovation,
Ireland,
Attorney General

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-High Court (il-Qorti Għolja, l-Irlanda))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tqassim tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha – Trattat tal-WIPO dwar il-Preżentazzjonijiet u l-Fonogrammi (WPPT) – Obbligu ta' 'trattament nazzjonali' ta' artisti – Eċċezzjonijiet għal dan l-obbligu li jirriżultaw minn riżervi internazzjonali – Kompetenza esklużiva tal-Unjoni jew kompetenza tal-Istati Membri sabiex jiġi stabbilit, skont dawn ir-riżervi, liema artisti ta' pajjiżi terzi huma intitolati għal ħlas ekwu – Direttiva 2006/115/KE – Artikolu 8"

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari, imressqa mill-High Court (il-Qorti Għolja, l-Irlanda), tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2006/115/KE [2], moqri flimkien mal-Artikoli 4 u 15 tat-Trattat tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali (WIPO) dwar il-Preżentazzjonijiet u l-Fonogrammi (iktar 'il quddiem il-"WPPT"), adottat fl-20 ta' Diċembru 1996 f'Genève u approvat f'isem il-Komunità Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/278/KE [3].

2. Essenzjalment, permezz tad-domandi tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf liema artisti (u produtturi) jistgħu jibbenefikaw mid-dritt għal "ħlas ekwu" skont l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115. Id-domandi, għalhekk, jirrigwardaw il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, għalkemm l-ewwel, it-tieni u t-tielet domanda huma, prinċipalment, ifformulati b'riferiment għall-obbligi internazzjonali tal-Unjoni u, fejn japplika, għal dawk tal-Istati Membri.

3. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk ir-rekwiżit ta' trattament nazzjonali previst fl-Artikolu 4 tal-WPPT japplikax għall-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115, u – fit-tieni, fit-tielet u fir-raba' domanda, liema diskrezzjoni għandhom l-Istati Membri fir-rigward tal-benefiċjarji tad-dritt għal ħlas uniku ekwu ffissat mid-Direttiva, inkluż meta jkunu japplikaw riżervi li jkunu permessi mill-WPPT u mill-Konvenzjoni ta' Ruma.

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet ta' l-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali (verżjoni kodifikata) (ĠU 2006 L 376, p. 28; iktar 'il quddiem id-"Direttiva").

3 Deċiżjoni tas-16 ta' Marzu 2000 (ĠU 2000 L 89, p. 6, iktar 'il quddiem il-"WPPT").

I. Il-kuntest ġuridiku

A. Il-Konvenzjoni ta' Ruma

4. Il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' Artisti, Produtturi ta' Fonogrammi u Organizzazzjonijiet tax-Xandir, ġiet konkluża f'Ruma fis-26 ta' Ottubru 1961 (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Ruma").

5. L-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni ta' Ruma jipprovdi:

"Kull Stat Kontraenti għandu jagħti trattament nazzjonali lil artisti fil-każ li tiġi ssodisfatta waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-prestazzjoni ssir fi Stat Kontraenti ieħor;

(b) il-prestazzjoni tkun inkorporata f'fonogramma li tkun protetta skont l-Artikolu 5 ta' din il-konvenzjoni;

(c) il-prestazzjoni, li ma tkunx irreġistrata f'fonogramma, issir permezz ta' xandira li tkun protetta mill-Artikolu 6 ta' din il-konvenzjoni." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

6. Skont l-Artikolu 5 ta' din il-konvenzjoni:

"1. Kull Stat Kontraenti għandu jagħti trattament nazzjonali lil produtturi ta' fonogrammi jekk tiġi ssodisfatta waħda minn dawn il-kundizzjonijiet:

(a) il-produttur tal-fonogramma jkun ċittadin ta' Stat Kontraenti ieħor (il-kriterju ta' nazzjonalità);

(b) l-ewwel reġistrazzjoni awdjo tkun saret fi Stat Kontraenti ieħor (il-kriterju ta' reġistrazzjoni);

(c) il-fonogramma tkun ġiet ippubblikata għall-ewwel darba fi Stat Kontraenti ieħor (il-kriterju ta' pubblikazzjoni).

2. Jekk fonogramma tkun ġiet ippubblikata għall-ewwel darba fi Stat mhux Kontraenti iżda tkun ġiet ippubblikata wkoll, fi żmien tletin jum mill-ewwel pubblikazzjoni tagħha, fi Stat Kontraenti (pubblikazzjoni simultanja), hija għandha titqies li ġiet ippubblikata għall-ewwel darba fl-Istat Kontraenti.

3. Permezz ta' notifika mibgħuta lis-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti, kull Stat Kontraenti jista' jiddikjara li ma jkunx ser japplika l-kriterju ta' pubblikazzjoni jew, minflok, il-kriterju ta' reġistrazzjoni. Tali notifika tista' tintbagħat waqt ir-ratifika, l-aċċettazzjoni jew l-adeżjoni, jew f'kull waqt wara; fl-aħħar każ hija jkollha effett sitt xhur wara li tkun ġiet iddepożitata." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

B. Il-WPPT

7. Kemm l-Unjoni kif ukoll l-Istati Membri kollha huma partijiet tal-WPPT (kif huma, b'mod partikolari, l-Istati Uniti tal-Amerika).

8. L-Artikolu 1(1) tal-WPPT jipprovdi:

"(1) Xejn f'dan it-Trattat ma jnaqqas minn obbligi eżistenti li l-Partijiet Kontraenti għandhom lejn xulxin taħt il-[Konvenzjoni ta' Ruma]."

9. Skont l-Artikolu 2(a)(b), (d), (e) u (g) tal-WPPT, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

"(a) 'prestaturi' huma atturi, kantanti, mużiċisti, żeffiena, u atturi, iwasslu, [u persuni oħra li jippreżentaw, ikantaw], jirreċtaw, [jiddeklamaw], jieħdu sehem, jinterpretaw jew b'xi mod ieħor jaħdmu f'xogħlijiet letterarji jew artistiċi jew espressjonijiet ta' folklor;

(b) 'fonogramma' tfisser l-iffissar ta' ħsejjes ta' prestazzjoni jew ta' ħsejjes oħra, jew ta' rappreżentazzjoni ta' ħsejjes, li mhix il-forma ta' fissazzjoni inkorporata f'xogħol ċinematografiku jew xogħol ieħor awdjoviżiv;

[...]

(d) 'Produttur ta' fonogramma' tfisser il-persuna, jew entita legali, li tieħu l-inizjattiva u li għandha r-responsabbilta għall-ewwel darba li jsir l-iffissar tal-ħsejjes ta' prestazzjoni jew ħsejjes oħra, jew ir-rappreżentazzjoni ta' ħsejjes.

[...]

(e) 'pubblikazzjoni' ta' prestazzjoni jew ta' fonogramma tfisser l-offerta ta' kopji tal-prestazzjoni ffissata jew tal fonogramma lill-pubbliku, bil-kunsens ta' min għandu d-drittijiet, u li l-kopji huma offerti lill-pubbliku fi kwantitajiet raġjonevoli;

[...]

(g) 'komunikazzjoni lill-pubbliku' ta' prestazzjoni jew ta' fonogramma tfisser trasmissjoni b'kull mezz, minbarra xandir, ta' ħsejjes ta' prestazzjoni fissi ġo fonogramma. Għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 15, 'komunikazzjoni lill-pubbliku' tinkludi li l-ħsejjes jew rappreżentazzjonijiet tal-ħsejjes fissi ġo fonogramma jkunu jistgħu jinstemgħu mill-pubbliku."

10. L-Artikolu 4 tal-WPPT, intitolat "Trattament Nazzjonali", jipprovdi:

"(1) Kull Parti Kontraenti tagħti liċ-ċittadini ta' Partijiet Kontraenti, kif iddefinit fl-Artikolu 3(2), it-trattament li tagħti liċ-ċittadini tagħha stess rigward id-drittijiet esklussivi mogħtija speċifikatament f'dan it-Trattat, u d-dritt ta' ħlas ġust previst fl-Artikolu 15 ta' dan it-Trattat.

(2) L-obbligu fil-Paragrafu 1 ma jistax ikun applikat b'tali mod li Parti Kontraenti oħra tuża r-riservazzjoni permessi bl-Artikolu 15(3) ta' dan it-Trattat."

11. Skont l-Artikolu 15 tal-WPPT:

"(1) Prestaturi u produtturi ta' fonogrammi għandhom id-dritt ta' ħlas xieraq ta' darba għall-użu dirett jew indirett ta' fonogrammi ippubblikati għal skopijiet kummerċjali ta' xandir jew kull komunikazzjoni lill-pubbliku.

(2) Partijiet kontraenti jistgħu jistabbilixxu fil-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom li l-ħlas xieraq ta' darba se jintalab lill-utent mill-prestatur jew mill-produttur ta' fonogramma jew mit-tnejn. Partijiet kontraenti jistgħu jgħaddu leġislazzjoni naturali [nazzjonali] li, fin-nuqqas ta' ftehim bejn il-prestatur u l-produttur ta' fonogramma, tqiegħed termini dwar kif prestaturi u produtturi ta' fonogrammi jaqsmu l-ħlas xieraq ta' darba.

(3) Kull Parti Kontraenti tista', b'notifika mogħtija lid-Direttur Ġenerali ta'l-WIPO, tiddikjara li se tibda tapplika d-disposizzjonijiet fil-Paragrafu 1 fir-rigward ta' xi utenti biss, jew li b'xi mod se tillimita l-applikazzjoni tagħhom, jew li m'hi se tapplika xejn minn dawn id-disposizzjonijiet.

(4) Għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu fonogrammi li jkunu disponibbli għall-pubbliku b'mezzi ta' fili jew mingħajr, b'tali mod li membri tal-pubbliku ikollhom aċċess għalihom minn post u f'ħin magħżul minnhom, se jkunu meqjusin li kienu ppublikati għal għanijiet kummerċjali."

12. Id-dikjarazzjonijiet li hemm qbil fuqhom dwar l-Artikolu 15 jipprovdu:

"Hu mifhum li l-Artikolu 15 mhux riżoluzzjoni sħiħa tal-livell tad-drittijiet ta' xandir u komunikazzjoni lill-pubbliku ta' l-artisti u l-produtturi fiż-żmien diġitali. Delegazzjonijiet ma laħqux ftehim dwar proposti differenti għal aspetti ta' esklussività li għandha tingħata mingħajr il-possibbiltà ta' riservi, u għalhekk ħallew il-kwistjoni għal risoluzzjoni iktar 'il quddiem.

Dikjarazzjoni li hemm qbil fuqha dwar l-Artikolu 15: Hu mifhum li l-Artikolu 15 ma jżommx il-konċessjoni tad-dritt mogħti minn dan l-Artikolu lill-artisti ta' folklor u produtturi ta' fonogrammi li jirreġistraw il-folklor fejn dawn il-fonogrammi ma kinux ippubblikati għal qliegħ kummerċjali."

13. L-Artikolu 23(1) tal-WPPT jgħid dan li ġej:

"Disposizzjonijiet għall-infurzar tad-drittijiet

(1) Partijiet kontraenti jiħduha fuqhom li jadottaw, skond is-sistemi legali tagħhom, il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw l-applikazzjoni ta' dan it-Trattat."

C. Id-Direttiva 2006/115

14. Il-premessi 5, 12, 13 u 16 ta' din id-direttiva jgħidu:

"(5) Ix-xogħol kreattiv u artistiku ta' awturi u artisti jeħtieġ dħul adegwat bħala bażi għal aktar xogħol kreattiv u artistiku, u l-investimenti meħtieġa b'mod partikulari għall-produzzjoni ta' fonogrammi u films huma għoljin u riskjużi. Il-possibbiltà li jiġi żgurat dak id-dħul u li jiġi rkuprat dak l-investiment tista' tkun garantita b'mod effettiv biss permezz ta' protezzjoni legali adegwata tad-detenturi tad-drittijiet relatati.

[…]

(12) Huwa meħtieġ l-introduzzjoni ta' arranġamenti li jiżguraw li ħlas ekwu mhux rinunzjabbli jinkiseb mill-awturi u artisti li għandhom jibqgħu ikollhom il-fakultà li jafdaw l-amministrazzjoni ta' dan id-dritt lil collecting societies li jirrappreżentawhom.

(13) Il-ħlas ekwu jista' jitħallas fuq bażi ta' pagament wieħed jew diversi fi kwalunkwe mument waqt jew wara l-konklużjoni tal-kuntratt. Dan għandu jikkunsidra l-importanza tal-kontribut ta' l-awturi u artisti konċernati mal-fonogramm jew film.

[…]

(16) L-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi li jipprovdu għal protezzjoni aktar vasta għal sidien ta' drittijiet relatati mad-drittijiet ta' l-awtur minn dawk meħtieġa mid-dispożizzjonijiet stabbiliti b'din id-Direttiva rigward xandir u kommunikazzjoni lill-pubbliku."

15. Skont l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2006/115:

"Dritt tal-Iffissar

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-artisti d-dritt esklussiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu l-iffissar tal-wirjiet tagħhom."

16. L-Artikolu 8(1) u (2) ta' din id-direttiva, li huwa identiku għall-Artikolu 8(1) u (2) tad-Direttiva 92/100/KEE [4] jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-artisti d-dritt esklussiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu x-xandir b'mezzi mingħajr fili u l-komunikazzjoni lill-pubbliku tal-wirjiet tagħhom, ħlief fejn il-wirja tkun fiha nnifisha diġà wirja mxandra jew tkun saret minn iffissar.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu dritt biex jiżguraw li jitħallas ħlas uniku ekwu mill-utent, jekk jintuża fonogramm ippubblikat għall-finijiet kummerċjali, jew tintuża riproduzzjoni ta' dan il-fonogramm, għax-xandir b'mezzi mingħajr fili jew għal kull komunikazzjoni lill pubbliku, u biex jiżguraw li dan il-ħlas jitqassam bejn l-artisti u l-produtturi tal-fonogramm relevanti. L-Istati Membri jistgħu, fin-nuqqas ta' ftehim bejn l-artisti u l-produtturi tal-fonogramm, jistipulaw il-kondizzjonijiet għat-tqassim ta' dan il-ħlas bejniethom."

17. L-Artikolu 11 tad-Direttiva 2006/115, intitolat "Applikazzjoni kronoloġika", jipprovdi:

"1. Din id-Direttiva għandha tapplika fir-rigward ta' xogħlijiet, wirjiet, fonogrammi, xandiriet u l-ewwel iffissar ta' films protetti mid-drittijiet ta' l-awtur imsemmija f'din id-Direttiva li kienu, fl-1 ta' Lulju 1994, għadhom protetti bil-leġislazzjoni ta' l-Istati Membri fil-qasam ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati jew li ssodisfaw il-kriterji għall-protezzjoni skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva f'dik id-data."

D. Id-dritt nazzjonali

18. L-Artikolu 38 tal-Copyright and Related Rights Act 2000 (Nru 28 tal-2000) (l-Att tal-2000 dwar id-Drittijiet tal-Awtur u Drittijiet Relatati, iktar 'il quddiem l-"Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur") jipprovdi liċenzja bħala dritt f'ċerti ċirkustanzi. B'mod partikolari, dan jipprovdi:

"(1) […] meta persuna tipproponi li —

(a) iddoqq reġistrazzjoni awdjo fil-pubbliku, jew

(b) tinkludi reġistrazzjoni awdjo f'xandira jew f'servizz ta' programm bil-fili,

hija tkun tista' tagħmel hekk bħala dritt meta —

(i) taqbel li tħallas għal dawn ir-reġistrazzjonijiet jew meta tinkludihom f'xandira jew f'servizz ta' programm bil-fili lil korp ta' liċenzjar, u

(ii) tkun konformi mar-rekwiżiti ta' dan l-artikolu.

(2) Persuna tista' tuża d-dritt li ddoqq reġistrazzjoni fil-pubbliku jew li tinkludi reġistrazzjoni awdjo f'xandira jew f'servizz ta' programmi bil-fili, meta hija —

4 Direttiva tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 1992 dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet ta' l-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 120).

(a) tagħti notifika lil kull korp ta' liċenzjar dwar il-ħsieb tagħha li ddoqq reġistrazzjonijiet awdjo jew li tinkludi reġistrazzjonijiet awdjo f'xandira jew f'servizz ta' programmi bil-fili,

(b) tinforma lil kull wieħed minn dawn il-korpi bid-data li fiha jew li minnha hija tkun biħsiebha ddoqq reġistrazzjonijiet awdjo fil-pubbliku jew tinkludi reġistrazzjonijiet awdjo f'xandira jew f'servizz ta' programmi bil-fili,

(c) tħallas lill-korp ta' liċenzjar […]

[…]"

19. L-Artikolu 184 tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur jippreskrivi ċ-ċirkustanzi li fihom, *inter alia*, reġistrazzjoni awdjo għandha tikkwalifika għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur. Huwa jipprovdi:

"(1) Xogħol letterarju, drammatiku, mużikali jew artistiku, reġistrazzjoni awdjo, film, arranġament tipografiku ta' edizzjoni ppubblikata jew ta' database oriġinali għandhom jikkwalifikaw għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur meta jkunu tqiegħdu legalment għall-ewwel darba għad-dispożizzjoni tal-pubbliku —

(a) fl-Istat; jew

(b) f'kull pajjiż, territorju, stat jew żona li għalihom tkun tapplika d-dispożizzjoni rilevanti ta' dan it-Taqsima.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, it-tqegħid b'mod legali għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ta' xogħol f'pajjiż, territorju, stat jew żona partikolari għandu jitqies li jkun l-ewwel tqegħid legali għad-dispożizzjoni tal-pubbliku tax-xogħol anki meta x-xogħol ikun tqiegħed b'mod legali simultanjament għall-pubbliku mkien ieħor; u għal dan il-fini, it-tqegħid legali għad-dispożizzjoni tal-pubbliku mkien ieħor fiż-żmien it-tletin jum preċedenti għandu jitqies li jkun simultanju."

20. L-Artikolu 288 tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur jipprovdi:

"Prestazzjoni tkun prestazzjoni kkwalifikata għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima u tat-Taqsima IV jekk tingħata minn individwu kkwalifikat jew minn persuna kkwalifikata, jew li sseħħ f'pajjiż, territorju, stat jew żona kwalifikati, skont dan il-Kapitolu."

21. L-Artikolu 287 ta' dan l-Att jipprovdi:

"F'din it-Taqsima, u fit-Taqsima IV

'pajjiż ikkwalifikat' tfisser:

(a) l-Irlanda,

(b) Stat Membru ieħor taż-[Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE)], jew

(c) sakemm fejn digriet skont l-Artikolu 289 ikun hekk jipprovdi, pajjiż indikat skont dan l-artikolu;

'individwu kkwalifikat' tfisser ċittadin jew suġġett ta' pajjiż kkwalifikat, jew individwu ddomiċiljat jew ordinarjament residenti fih; u

'persuna kkwalifikata' tfisser ċittadin Irlandiż, jew individwu ddomiċiljat jew ordinarjament residenti fl-Istat."

22. Skont l-Artikolu 289(1) tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur:

"Il-Gvern jista', permezz ta' digriet, jindika bħala pajjiż ikkwalifikat li jkollu protezzjoni skont din it-Taqsima u t-Taqsima IV, kull pajjiż, territorju, stat jew żona li fir-rigward tagħhom il-gvern ikun issodisfatt li hemm provvediment jew li ser ikun hemm provvediment skont il-liġi tagħhom li jagħti protezzjoni adegwata lil prestazzjonijiet Irlandiżi."

II. Il-fatti li taw lok għat-tilwima fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

23. It-tilwima fil-kawża prinċipali tirrigwarda l-ġbir u t-tqassim ta' tariffi ta' liċenzji fir-rigward ta' daqq ta' mużika rreġistrata fil-pubbliku jew ix-xandir ta' mużika rreġistrata. Skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, is-sid ta' bar, nightclub jew kull post pubbliku ieħor li jkun jixtieq idoqq mużika rreġistrata huwa obbligat iħallas tariffa fir-rigward ta' dan l-użu. Bl-istess mod, jekk persuna tkun tixtieq tinkludi reġistrazzjoni awdjo f'xandira jew f'servizz ta' programm bil-fili, allura hija wkoll obbligata tħallas tariffa fir-rigward ta' din l-inklużjoni. Dan l-obbligu huwa stabbilit fid-dettall skont id-dritt nazzjonali fl-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur. Il-leġiżlazzjoni tipprovdi li l-utent iħallas tariffa waħda lil korp ta' liċenzjar li jkun jirrappreżenta lill-produttur tar-reġistrazzjoni awdjo, iżda li s-somma hekk miġbura mbagħad tinqasam bejn il-produttur u l-artisti.

24. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, Recorded Artists Actors Performers Ltd (iktar 'il quddiem "RAAP"), hija soċjetà għall-amministrazzjoni kollettiva Irlandiża tad-drittijiet ta' ċerti artisti. L-ewwel konvenuta, Phonographic Performance (Ireland) Ltd (iktar 'il quddiem "PPI"), hija soċjetà għall-amministrazzjoni kollettiva Irlandiża li tirrappreżenta d-drittijiet li għandhom il-produtturi ta' fonogrammi għal reġistrazzjonijiet awdjo jew għal fonogrammi fl-Irlanda.

25. RAAP u PPI kkonkludew kuntratt li jistipula l-mod kif jinġabru u jitqassmu tariffi ta' liċenzja sabiex jindaqqu reġistrazzjonijiet awdjo fil-pubbliku (bars u postijiet oħra aċċessibbli għall-pubbliku) fl-Irlanda minn utenti fl-Irlanda [5].

26. It-tilwima bejn RAAP u PPI tqum minħabba li l-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur juża kriterji ta' kwalifika differenti għal produtturi u artisti, rispettivament, li għandhom l-effett li jeskludu ċerti artisti minn ċerti pajjiżi mid-dritt għal ħlas ekwu (b'mod partikolari l-Istati Uniti tal-Amerika). Dan ippermetta lil PPI ssostni, milli jidher, li ma hemmx obbligu fil-liġi, li dawk l-artisti partikolari jitħallsu; u, konsegwentement, PPI tkun intitolata żżomm it-tariffi konnessi ma' dawk l-artisti, li jkunu nġabru skont il-kuntratt.

27. RAAP tqis li t-tariffi li għandhom jitħallsu skont l-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur – li ttraspona d-Direttiva 92/100, li ġiet ikkodifikata u ssostitwita bid-Direttiva 2006/115 – għandhom, skont l-Artikolu 8(2) ta' din id-direttiva u l-ftehimiet internazzjonali li għalihom tirreferi din id-direttiva, jinqasmu bejn il-produttur u l-artist. In-nazzjonalità u r-residenza tal-artist huma irrilevanti.

5 Mill-proċess jirriżulta li hemm żewġ tipi ta' proċeduri b'rabta mat-tilwima. Il-proċeduri l-oħra jikkonċernaw il-funzjonijiet statutorji tal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw produtturi u artisti rispettivament, b'mod partikolari liema organizzazzjoni għandha d-dmir tikkalkola t-tariffi tal-liċenzja li jitħallsu lil artisti individwali. RAAP issostni li din hija l-funzjoni tagħha, bħala organizzazzjoni ta' mmaniġġar kollettiv li tirrappreżenta artisti. Jekk dan huwa l-każ, PPI ikollha tħallas somma f'daqqa lil RAAP, u RAAP imbagħad tqassam dik is-somma — wara li tnaqqas l-ispejjeż amministrattivi — lil artisti individwali. Hemm kwistjoni oħra dwar jekk RAAP għandhiex id-dritt tiġbor f'isem l-artisti *kollha* ta' kategorija partikolari, jew biss dawk l-artisti li jkunu effettivament assenjaw dak id-dritt lilha. Dawn il-proċeduri l-oħra ma humiex is-suġġett tad-digriet.

28. Min-naħa l-oħra, PPI ssostni li artisti li la jkunu ċittadini taż-ŻEE u lanqas residenti, u li l-prestazzjonijiet tagħhom ma jkunux joriġinaw minn reġistrazzjoni awdjo li tkun saret fiż-ŻEE, ma jkunux eliġibbli li jirċievu sehem ta' ħlas meta dawk il-prestazzjonijiet isiru fl-Irlanda. Inkella, li kieku dawn l-artisti kellhom jitħallsu, dan ikun jikser l-approċċ ta' reċiproċità internazzjonali adottat mill-Irlanda u li jinsab fl-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur. B'mod partikolari, li kieku kellha tiġi segwita l-pożizzjoni ta' RAAP, artisti Amerikani jitħallsu fl-Irlanda, minkejja li artisti Irlandiżi ma jirċevux ħlas ekwu fl-Istati Uniti.

29. RAAP ressqet kawża kontra PPI quddiem il-qorti tar-rinviju li tirrileva li meta l-Artikoli 38, 184, 208, 287 u 288 tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur jinqraw flimkien għandhom l-effett li jeskludu — sakemm ma jkunx inħareġ digriet skont l-Artikolu 289 ta' dak l-att (*quod non* sa issa) — artisti "mhux miż-ŻEE" milli jibbenefikaw mis-sehem tagħhom tat-tariffi miġbura skont l-imsemmi att, bil-konsegwenza li, ta' sikwit, produtturi (inklużi dawk stabbiliti barra miż-ŻEE) jibbenefikaw mill-ammont totali ta' dawk it-tariffi.

30. Fil-każ ta' reġistrazzjoni awdjo li tkun tinvolvi produtturi u artisti mill-Istati Uniti, il-produttur jirċievi l-ammont totali tat-tariffi mingħand utenti fl-Irlanda. Ir-raġuni għal dan huwa l-fatt li l-kriterji ta' eliġibbiltà għall-ħlas, li hemm fl-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur, huma iktar flessibbli għall-produtturi milli għall-artisti.

31. Għaldaqstant, tali leġiżlazzjoni tidher inkompatibbli mal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115, sa fejn din tal-aħħar teżiġi li ħlas ekwu jinqasam bejn produtturi u artisti.

32. Isegwi li s-soluzzjoni tal-kawża prinċipali tiddependi, b'mod partikolari, minn jekk l-Irlanda tistax – mingħajr ma tikser id-Direttiva 2006/115 (u, qabel, id-Direttiva 92/100), tgħaddi liġi fis-sens li, fit-territorju tagħha, l-"artisti" imsemmija f'din id-direttiva ma jkunux jinkludu artisti "mhux miż-ŻEE", bħall-artisti Amerikani.

33. Fid-dawl tal-implikazzjonijiet kbar ta' din il-kawża, l-Irlanda, l-Attorney Generali (il-Prosekutur Pubbliku) tagħha u l-Minister for Jobs, Enterprise and Innovation (il-Ministru għax-Xogħol, għall-Intrapriża u għall-Innovazzjoni) iddeċidew li jipparteċipaw fil-kawża prinċipali bħala t-tieni, it-tielet u r-raba' konvenut. Is-sentenza sħiħa tinsab fl-Appendiċi tad-digriet tar-rinviju u tippermetti li wieħed jifhem aħjar il-kwistjonijiet li fuqhom huwa bbażat id-digriet.

34. Il-qorti tar-rinviju tirrileva li l-fatt li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tittratta persuni ddomiċiljati u residenti fiż-ŻEE bl-istess mod bħal ċittadini Irlandiżi jfisser li l-leġiżlazzjoni ma tiksirx il-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni skont id-dritt tal-Unjoni. Madankollu, tirileva li din il-leġiżlazzjoni għandha tkun kompatibbli mhux biss ma' dan il-prinċipju ġenerali, iżda wkoll mal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115. Skont din id-dispożizzjoni, l-Istati Membri għandhom "jiżguraw li jitħallas ħlas uniku ekwu mill-utent, jekk jintuża fonogramm ippubblikat għall-finijiet kummerċjali, jew tintuża riproduzzjoni ta' dan il-fonogramm, għax-xandir b'mezzi mingħajr fili jew għal kull komunikazzjoni lill-pubbliku, u biex jiżguraw li dan il-ħlas jitqassam bejn l-artisti u l-produtturi tal-fonogramm relevanti".

35. Il-qorti tar-rinviju tirrileva li l-estent sa fejn huwa neċessarju li jittieħdu bħala bażi d-dispożizzjonijiet tal-WPPT (li għalih l-Irlanda u l-Unjoni huma partijiet) u l-Konvenzjoni ta' Ruma (li għaliha l-Irlanda hija parti) sabiex jiġi interpretat l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2006/115, jibqa' inċert.

36. B'mod partikolari, huwa neċessarju li jiġi tabbilit jekk "it-trattament nazzjonali", li hemm f'kull wieħed minn dawn it-trattati, għandux ikollu rwol fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115.

37. Minħabba li, minn naħa, il-kunċett ta' "trattament nazzjonali" – kuntrarjament għal ċerti kunċetti oħra li hemm fil-Konvenzjoni ta' Ruma u fil-WPPT – ma ġiex riprodott espressament fid-Direttiva 2006/115, iżda li, min-naħa l-oħra – minħabba li l-Unjoni kienet ikkonkludiet il-WPPT – jagħmel parti mid-dritt tal-Unjoni, ma huwiex ċar liema huwa, fl-aħħar mill-aħħar, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-kunċett għall-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati.

38. Il-qorti tar-rinviju titlob ukoll gwida mingħand il-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk dan it-trattament asimetriku ta' produtturi u artisti jikkostitwixxix risposta leġittima għal riżerva taħt l-Artikolu 15(3) tal-WPPT (b'mod partikolari dik magħmula mill-Istati Uniti tal-Amerika).

39. Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-High Court (il-Qorti Għolja, l-Irlanda) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domandi li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari:

"1) L-obbligu għal qorti nazzjonali li tinterpreta d-Direttiva 2006/115 […] fid-dawl tal-iskop u tal-għan tal-Konvenzjoni ta' Ruma u/jew tal-WPPT huwa limitat għal kunċetti li huma espressament imsemmija [f'din id-]Direttiva, jew, sussidjarjament, dan jestendi għal kunċetti li jinsabu biss fiż-żewġ ftehimiet internazzjonali? B'mod partikolari, l-Artikolu 8 [ta' din id-]Direttiva, sa fejn għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-obbligu ta' 'trattament nazzjonali' previst fl-Artikolu 4 tal-WPPT?

2) Stat Membru għandu s-setgħa diskrezzjonali sabiex jistabbilixxi kriterji għad-determinazzjoni ta' liema artisti jikkwalifikaw bħala 'artisti relevanti' taħt l-Artikolu 8 [tal-imsemmija] Direttiva? B'mod partikolari, Stat Membru jista' jirrestrinġi d-dritt għal tqassim f'ħlas ekwu għal ċirkustanzi fejn jew (i) il-wirja sseħħ f'pajjiż taż-Żona Ekonomika Ewropea (iktar 'il quddiem iż-'ŻEE'), jew (ii) l-artisti huma ddomiċiljati jew residenti f'pajjiż taż-ŻEE?

3) X'setgħa diskrezzjonali għandu Stat Membru sabiex iwieġeb għal riżerva magħmula minn Parti Kontraenti oħra taħt l-Artikolu 15(3) tal-WPPT? B'mod partikolari, l-Istat Membru huwa meħtieġ jirriproduċi l-kliem preċiż tar-riżerva magħmula mill-Parti Kontraenti l-oħra? Parti Kontraenti hija meħtieġa ma tapplikax ir-regola ta' 30 jum prevista fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni ta' Ruma sa fejn il-produttur tal-parti li tkun għamlet riżerva jkun għaldaqstant jista' jirċievi ħlas taħt l-Artikolu 15(1), iżda l-artisti tal-istess reġistrazzjoni ma jkunux jistgħu jirċievu ħlas? Sussidjarjament, il-parti li twieġeb għal riżerva hija awtorizzata tagħti drittijiet liċ-ċittadini tal-parti li tkun għamlet din ir-riżerva fuq bażi iktar ġeneruża minn dak li tkun għamlet il-parti li tkun għamlet ir-riżerva, fi kliem ieħor, il-parti li twieġeb għal riżerva tista' tagħti drittijiet li ma humiex irreċiprokati mill-parti li tkun għamlet ir-riżerva?

4) Huwa permissibbli f'kull ċirkustanza li d-dritt għal ħlas ekwu jiġi limitat għall-produtturi ta' reġistrazzjoni awdjo, fi kliem ieħor, li d-dritt jiġi miċħud lill-artisti li l-wirjiet tagħhom ġew iffissati f'din ir-reġistrazzjoni awdjo?"

40. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja minn RAAP, minn PPI, mill-Gvern Irlandiż, kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. Dawn il-partijiet kollha għamlu osservazzjonijiet orali fis-seduta tal-4 ta' Frar 2020.

III. Analizi

A. Fuq l-ewwel domanda

1. Sommarju tal-argumenti tal-partijiet

41. RAAP issostni li l-obbligu tal-qorti nazzjonali li tinterpreta d-Direttiva 2006/115 skont l-għan u l-finijiet tal-Konvenzjoni ta' Ruma u/jew tal-WPPT jinkludi obbligu li hija tinterpreta din id-direttiva bħala li tistabbilixxi sett ta' regoli kompatibbli mal-obbligi li hemm f'dawn l-istrumenti. L-Artikolu 8 tal-imsemmija direttiva għandu, għalhekk, jiġi interpretat fis-sens li jestendi d-drittijiet previsti fl-Artikolu 8(2) tagħha għal dawk li huma intitolati għal trattament nazzjonali fir-rigward ta' dawk id-drittijiet skont l-Artikolu 4 tal-WPPT.

42. Barra minn hekk, huwa neċessarju li tittieħed inkunsiderazzjoni l-Konvenzjoni ta' Ruma, minkejja l-fatt li l-Unjoni ma hijiex parti kontraenti. Barra minn hekk, din il-konvenzjoni okkupat post importanti fil-ħolqien tad-Direttiva 2006/115.

43. Il-mod kif l-Artikoli 4 u 5 tal-Konvenzjoni ta' Ruma, minn naħa, u l-Artikoli 3 u 4 tal-WPPT, min-naħa l-oħra, jinteraġixxu, huwa tali li l-partijiet kontraenti tal-WPPT għandhom jestendu l-benefiċċju tat-trattament nazzjonali lil artisti fir-rigward ta' prestazzjonijiet li jkunu inkorporati f'fonogramma li tikkwalifika għal trattament nazzjonali skont il-Konvenzjoni ta' Ruma. Dan il-benefiċċju għandu jiġi estiż għal kull artist ta' tali prestazzjoni, anki meta dan l-artist ma jkunx ċittadin ta' Stat Kontraenti.

44. PPI ssostni, essenzjalment, li d-Direttiva għandha tiġi interpretata, sa fejn huwa possibbli, b'mod konformi mal-WPPT, u mhux b'mod li jmur kontra l-obbligi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri skont il-WPPT jew il-Konvenzjoni ta' Ruma. Meta kunċetti li jirriżultaw mill-Konvenzjoni ta' Ruma jew mill-WPPT jintużaw fit-test tad-Direttiva, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-Konvenzjoni jew il-WPPT (skont il-każ) fl-interpretazzjoni ta' dawk il-frażijiet li jidhru fit-test tad-Direttiva. Għaldaqstant, l-Artikolu 8(2) ma jistax jitqies, permezz ta' proċess ta' interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, li jinkorpora r-rekwiżit ta' trattament nazzjonali skont l-Artikolu 4 tal-WPPT, minħabba li ma huwiex l-għan tad-Direttiva li tittieħed kull miżura sabiex jibda japplika dan ir-rekwiżit tal-WPPT.

45. L-Irlanda tirrikonoxxi, fil-kuntest tal-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Ruma u tal-WPPT, li l-Artikolu 3(2) tal-WPPT jinkorpora fil-WPPT il-kunċett ta' trattament nazzjonali previst fl-Artikoli 4 u 5 tal-Konvenzjoni ta' Ruma: il-kunċett ta' trattament nazzjonali li jinkludi li Stati Kontraenti għandhom jagħtu trattament nazzjonali kull darba li prestazzjoni tiġi inkorporata f'fonogramma ppubblikata mill-ewwel (jew ippubblikata fi żmien 30 jum) fi Stat Kontraenti ieħor. Dawn ir-regoli joriġinaw mill-kriterju ta' "pubblikazzjoni" u mill-kunċett ta' "pubblikazzjoni simultanja" previsti fil-Konvenzjoni ta' Ruma.

46. Madankollu, minħabba li huwa ta' importanza għal Stat b'politika duwalista għad-dritt internazzjonali, l-Irlanda tagħmel minn kollox sabiex tiżgura li jkunu biss liġijiet Irlandiżi ppromulgati sew jew id-dritt tal-Unjoni, li jagħtu lok għal drittijiet u obbligi fl-ordinament ġuridiku Irlandiż u dak tal-Unjoni.

47. L-Irlanda ssostni, essenzjalment, li l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115 ma għandux jiġi interpretat fid-dawl tal-kunċett ta' "trattament nazzjonali" li jinsab fil-WPPT u fil-Konvenzjoni ta' Ruma. Din id-direttiva ma tikkonċernax is-sitwazzjoni ta' artisti li l-prestazzjonijiet tagħhom ikunu inkorporati f'fonogramma ppubblikata għall-ewwel darba fi Stat terz.

48. Il-Kummissjoni ssostni essenzjalment, li mill-formulazzjoni, mill-iskema u mill-għan tal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115, kif ukoll mill-obbligu li din id-Direttiva tiġi interpretata konformement ma' ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni, isegwi li l-artisti kkonċernati jinkludu, bħala prinċipju, dawk mill-Partijiet Kontraenti kollha tal-WPPT, indipendentement minn jekk ikunux residenti fiż-ŻEE jew barra minnha.

2. Analiżi

49. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf kif għandha tiġi interpretata d-Direttiva meta ċerti kunċetti li jissemmew espressament fil-ftehimiet internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati, bħall-obbligu li jiġi applikat trattament nazzjonali previst fl-Artikolu 4 tal-WPPT, *ma jkunux inklużi fid-Direttiva*.

50. Minn naħa, l-importanza tal-obbligu ta' trattament nazzjonali huwa diġà ċar mill-fatt li dan dejjem kien fil-qalba ta' kull ftehim multilaterali dwar il-protezzjoni tad-dritt tal-proprjetà intellettwali u huwa wieħed mill-vantaġġi ewlenin li Partijiet Kontraenti jiksbu minn sħubija [6]. Min-naħa l-oħra, għandu jitfakkar li d-dritt għal ħlas (skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2006/115 jew l-Artikolu 15 tal-WPPT) huwa, fuq il-livell ekonomiku, fost id-drittijiet l-iktar importanti ta' artisti u produtturi ta' fonogrammi.

51. RAAP u l-Kummissjoni jsostnu li l-artisti kkonċernati mid-dritt għal ħlas ekwu, irrikonoxxut mid-dritt tal-Unjoni, jinkludu, bħala prinċipju, artisti minn pajjiżi terzi li l-mużika tagħhom tixxandar fl-Unjoni. Huma jsostnu li dan jirriżulta mill-kliem ġenerali użat mil-leġiżlatur tal-Unjoni (l-"artisti") u mill-għanijiet tad-Direttiva 2006/115 (protezzjoni ta' livell għoli), iżda b'mod partikolari jingħad li jirriżulta mill-obbligu li d-dritt sekondarju tal-Unjoni jiġi interpretat konformement mal-ftehimiet internazzjonali milħuqa mill-Unjoni bħall-WPPT, li l-Artikolu 4(1) tiegħu, moqri flimkien mal-Artikolu 15(1), jobbliga lill-Partijiet Kontraenti (l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha) japplikaw "it-trattament nazzjonali" b'rabta mal-ħlas ekwu dovut lill-artisti.

52. Jiena wasalt għall-konklużjoni li din il-linja ta' ħsieb hija korretta.

53. Meta wieħed janalizza t-test tad-Direttiva 2006/115, huwa ċar li ċittadini ta' pajjiżi terzi ma humiex esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva u, iktar minn hekk, dan huwa konsistenti għalkollox mal-obbligi tal-Unjoni fil-kuntest tal-WPPT u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Probabbilment, minn aspett ta' drittijiet fundamentali, kemm l-Istati Membri kif ukoll l-Unjoni Ewropea għandhom jiżguraw li, fl-Unjoni, kull artist u produttur jirċievi ħlas ekwu għall-komunikazzjoni tal-prestazzjoni tiegħu lill-pubbliku, minkejja li jkun hemm riżerva magħmula minn Stat terz li jkollha l-effett li artisti u produtturi miż-ŻEE ma jirċevux ħlas bħal dan fit-territorju ta' dak l-Istat terz. Drittijiet fundamentali huma universali min-natura tagħhom u l-kwistjoni hawnhekk hija dwar dritt għal proprjetà).

54. L-argument ta' PPI u tal-Irlanda jfisser li jingħad li, minħabba li mhux kull regola tista' tinsab fl-acquis, l-Istati Membri għandhom libertà sħiħa.

55. Biżżejjed jingħad li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ċaħdet tali argument f'kawża dwar id-drittijiet relatati, fis-sentenza tal-4 ta' Settembru 2014, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, (C-114/12, EU:C:2014:2151, b'mod partikolari l-punt 70), u fl-Opinjoni 3/15 tal-Qorti tal-Ġustizzja (Trattat ta' Marrakexx biex jiġi Ffaċilitat l-Aċċess għal Xogħlijiet Pubblikati) (EU:C:2017:114).

6 Reinbothe, J. u Von Lewinski, S., *The WIPO Treaties on Copyright: A Commentary on the WCT, the WPPT, and the BTAP*, Oxford University Press, Oxford, 2015, p. 296, li jagħti wkoll ħarsa ġenerali tajba dwar il-kuntest storiku tal-WPPT u jipprovdi kummentarju dwaru.

56. L-ewwel nett, jeħtieġ li jiġi stabbilit jekk l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115 għandux jinqara fid-dawl tar-rekwiżit ta' trattament nazzjonali ta' artisti minn pajjiżi terzi li hemm fl-Artikolu 4(1) tal-WPPT. Għal dan l-għan, jeħtieġ li jiġi stabbilit jekk dak ir-rekwiżit għandux jitqies jibqa' obbligu li jinkombi l-Istati Membri bħala Partijiet Kontraenti għal dak il-ftehim imħallat jew jekk huwiex pjuttost obbligu li l-Unjoni għandha tagħmel tagħha bħala Parti Kontraenti għall-istess ftehim.

57. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà eżaminat l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2006/115 fid-dawl tal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni fil-kawżi SCF Consorzio Fonografici [7], PPL Ireland [8], u Verwertungsgesellschaft Rundfunk [9].

58. Din il-ġurisprudenza tirrigwarda r-rabta bejn id-Direttiva u d-diversi konvenzjonijiet internazzjonali, kif ukoll tinterpreta wħud mill-kunċetti li hemm fit-test tal-Artikolu 8 tal-imsemmija direttiva fid-dawl tal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni li hemm fil-konvenzjonijiet.

59. B'mod partikolari, fis-sentenza SCF Consorzio Fonografici (C-135/10, EU:C:2012:140, punti 37 sa 56) il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat ir-rabta bejn il-Ftehim dwar Aspetti Relatati mal-Kummerċ tad-Dritt tal-Proprjetà Intellettwali (iktar 'il quddiem il-"Ftehim TRIPS"), il-WPPT u l-Konvenzjoni ta' Ruma.

60. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont l-Artikolu 216(2) TFUE, "[f]tehim konkluż mal-Unjoni jorbot lill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni u lill-Istati Membri". Dan huwa l-każ tal-WPPT li fir-rigward tiegħu l-Unjoni hija tabilħaqq Parti Kontraenti, u dan il-ftehim jifforma parti integrali mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni. Konsegwentement, dan il-ftehim jorbot lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri. Fir-rigward tal-Konvenzjoni ta' Ruma, id-dispożizzjonijiet tagħha ma jagħmlux parti mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni Ewropea (l-Unjoni ma hijiex Parti Kontraenti ta' din il-konvenzjoni u ma tistax titqies li ssostitwixxiet l-Istati Membri tagħha dwar l-applikazzjoni tagħha, jekk xejn minħabba li mhux dawk l-Istati kollha huma partijiet għal din il-konvenzjoni: jiġifieri Malta).

61. Fir-rigward tal-WPPT, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll fil-kawża SCF (C-135/10, EU:C:2012:140, punt 47) li l-Artikolu 23(1) tal-WPPT jeżiġi li l-Partijiet Kontraenti jintrabtu li jieħdu, skont is-sistemi legali tagħhom, il-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw l-applikazzjoni ta' dan il-ftehim. Isegwi li l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-WPPT, fl-implimentazzjoni jew fl-effetti tagħhom, tiddependi minn jekk jittiħdux miżuri oħra. Għaldaqstant, tali dispożizzjonijiet ma għandhomx effett dirett fid-dritt tal-Unjoni u ma humiex tali li joħolqu drittijiet għal individwi li huma jistgħu jibbażaw fuqhom quddiem il-qrati bis-saħħa ta' dak id-dritt.

62. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll f'dik is-sentenza, li, fid-dawl tal-premessa 10 tad-Direttiva 92/100, peress li d-Direttiva hija intiża li tarmonizza ċerti aspetti tal-liġi dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fil-qasam tal-proprjetà intellettwali konformement mal-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti bħal, *inter alia*, il-Ftehim TRIPS, il-WPPT u l-Konvenzjoni ta' Ruma, *hija tistabbilixxi sett ta' regoli kompatibbli ma' dawk li jinsabu f'dawn il-konvenzjonijiet*.

63. Fil-fatt, l-approċċ li qiegħed nipproponi f'dawn il-konklużjonijiet jidher li huwa l-uniku wieħed konformi mal-Artikolu 216(2) TFUE u mal-ġurisprudenza stabbilita li l-leġiżlazzjoni sekondarja tal-Unjoni għandha, kemm jista' jkun, tkun interpretata b'mod li jkun konsistenti mal-obbligi tad-dritt internazzjonali tal-Unjoni, b'mod partikolari fejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jkunu intiżi speċifikament li jimplimentaw ftehim internazzjonali konkluż mill-Unjoni Ewropea [10].

7 Sentenza tal-15 ta' Marzu 2012 (C-135/10, EU:C:2012:140). Ara, f'dan il-kuntest, Malenovsky, J., La contribution de la Cour de justice à l'harmonisation du droit d'auteur dans l'Union européenne, ERA Forum (2012), 13, p. 411.

8 Sentenza tal-15 ta' Marzu 2012, Phonographic Performance (Ireland) (C-162/10, EU:C:2012:141).

9 Sentenza tas-16 ta' Frar 2017 (C-641/15, EU:C:2017:131).

10 Ara, *inter alia*, is-sentenzi tal-14 ta' Lulju 1998, Bettati (C-341/95, EU:C:1998:353, punt 20), u tas-7 ta' Diċembru 2006, SGAE (C-306/05, EU:C:2006:764, punt 35).

64. L-estent sħiħ tal-obbligu li tingħata interpretazzjoni konsistenti f'ċirkustanzi li fihom l-Unjoni Ewropea tkun aċċediet għall-ftehim internazzjonali kkonċernat jidher mill-kawża Hermes [11] fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li mhux biss il-miżuri tal-Unjoni maħsuba sabiex jimplimentaw l-obbligi internazzjonali tal-Unjoni għandhom jiġu interpretati skont dawk l-obbligi, iżda r-regoli nazzjonali li jimplimentaw tali miżura tal-Unjoni għandhom jikkonformaw separatament mar-rekwiżiti tal-ftehimiet internazzjonali li fir-rigward tagħhom hija parti l-Unjoni Ewropea.

65. Barra minn hekk, il-WPPT u d-Direttiva 2006/115 it-tnejn għandhom rabta mad-dritt għal ħlas ekwu fil-qasam ikkonċernat.

66. Infakkar li d-Direttiva tal-Kunsill 92/100 ppreċediet id-Direttiva 2006/115. L-għan u l-fini tal-ewwel direttiva kien li titlesta l-ewwel struttura għal suq intern ta-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati. Il-ħsieb tal-leġiżlatur tal-Unjoni, kif ikkonfermat mill-proposta emendata għal direttiva [12], kien li jiġu segwiti b'mod estiż id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Ruma sabiex tinkiseb protezzjoni uniformi minima fl-Unjoni. Madankollu, ġie żgurat li dan isir konformement mal-konvenzjonijiet internazzjonali li fir-rigward tagħhom l-Istati Membri kienu partijiet. Dik li kienet il-Komunità Ewropea ma kienet parti għal ebda konvenzjoni dwar id-dritt tal-proprjetà intellettwali.

67. Il-premessa 10 tad-Direttiva 92/100 tgħid: "[...] il-leġislazzjoni ta' l-Istati Membri għandha ssir approssimattiva b'tali mod li ma tkunx konflinġenti mal-konvenzjonijiet internazzjonali li fuqhom huma bbażati ħafna mid-drittijiet ta' l-awtur u l-liġijiet tad-drittijiet relatati."

68. Diversi elementi marru lil hinn mill-Konvenzjoni ta' Ruma. Fir-rigward tal-artisti, ġie introdott dritt esklużiv għal artisti (li jawtorizzaw jew jipprojbixxu) l-iffissar tal-prestazzjonijiet tagħhom (Artikolu 7), u d-dritt esklużiv għal xandir bil-fili u l-komunikazzjoni lill-pubbliku tal-prestazzjonijiet tagħhom ħlief meta dawn isiru minn iffissar.

69. L-Artikolu 8 tad-Direttiva 92/100 ġie inkluż mill-Parlament Ewropew u aċċettat mill-Kummissjoni fil-proposta emendata tagħha bħala suppliment għall-introduzzjoni tad-dritt esklużiv għal artisti li jawtorizzaw jew jipprojbixxu r-riproduzzjoni tal-iffissar fil-fonogrammi tal-prestazzjonijiet tagħhom inklużi mkien ieħor fid-Direttiva (Artikolu 7). Il-ħsieb kien li l-artisti jitħallew jaqsmu jikkondividu mal-produtturi kull użu ieħor minn terzi ta' fonogrammi, xi drabi deskritt bħala użu sekondarju.

70. Wara l-adozzjoni tal-WPPT, id-Direttiva 2001/29/KE [13] saret l-istrument għall-implimentazzjoni tal-obbligi l-ġodda li jirriżultaw mill-WPPT u mill-WCT (ara l-premessa 15 ta' din id-direttiva).

71. Kif osservat korrettament il-Kummissjoni, jibqa' l-fatt li ma ttieħdet ebda azzjoni speċifika ġdida mil-leġiżlatur tal-Unjoni sabiex l-Artikolu 15(1) u (2) jiddaħħal fil-WPPT.

72. Naħseb li, f'kull każ, dan ma kienx meħtieġ peress li l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 92/100, li ppreċediet l-adozzjoni mill-Unjoni tal-WPPT, jikkorrispondi speċifikament ma' u jimplimenta l-Artikolu 15 tal-WPPT.

73. Għaldaqstant, il-leġiżlatur tal-Unjoni qies b'mod ċar li, bl-Artikolu 8 tad-Direttiva 92/100, huwa kien issodisfa l-obbligu tiegħu skont l-Artikolu 23(1) tal-WPPT li jintroduċi dritt għal ħlas ekwu kif previst fl-Artikolu 15(1) u (2) tal-WPPT.

74. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jsegwi li l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 92/100 (u l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115) għandu jiġi interpretat b'mod konformi mal-WPPT.

11 Sentenza tas-16 ta' Ġunju 1998 (C-53/96, EU:C:1998:292, punt 28).

12 Proposta tat-30 ta' April 1992 (COM(92) 159 final, p. 12).

13 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230).

75. Huwa importanti li jiġi osservat li, waqt ir-ratifikazzjoni tal-WPPT, l-Unjoni ma għamlet ebda riżerva għall-WPPT u hija tibqa' marbuta bl-obbligu li tagħti trattament nazzjonali u li tapplika d-Direttiva 2006/115 mingħajr restrizzjoni.

76. Mill-ġurisprudenza jsegwi li l-kunċetti inklużi fid-Direttiva 2006/115 għandhom jiġu interpretati, kemm jista' jkun, fid-dawl ta' dawk tal-WPPT [14], b'tali mod li jkun kompatibbli ma' dawk il-ftehimiet, filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest li fih jintużaw dawk il-kunċetti u l-għan ta' dawk id-dispożizzjonijiet. L-interpretazzjoni tad-Direttiva għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-Artikolu 4 tal-WPPT. Dan ifisser li l-Istati Membri għandhom jimplimentaw id-Direttiva b'mod konformi mal-obbligu ta' trattament nazzjonali tal-WPPT.

77. Il-Kummissjoni ssostni korrettament li d-Direttiva 2006/115 tapplika għal atti li jseħħu fit-territorju tal-Unjoni u bħal fil-maġġoranza tal-istrumenti adottati fl-acquis dwar id-drittijiet tal-awtur, tiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tagħha u mhux dak *ratione personae* [15].

78. Ser nerġa' nindirizza l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115 iktar 'il quddiem fir-risposta għat-tieni, għat-tielet u għar-raba' domanda.

79. Protezzjoni tingħata lil detenturi tad-dritt li xogħolhom jew materjal ieħor bħal prestazzjonijiet, fonogrammi jew xandiriet ikunu eliġibbli għal protezzjoni ratione materiae skont id-Direttiva 2006/115. L-użu minn terz, fis-sens tal-Artikolu 8(2), jagħti lok għall-protezzjoni mogħtija mid-Direttiva.

80. Id-dispożizzjonijiet inkwistjoni jeħtieġu biss li l-utent ikun ta lok għad-dritt għal ħlas billi jdoqq ir-reġistrazzjoni awdjo fl-Unjoni. F'dan is-sens, ikun hemm prestazzjoni fl-Unjoni/fiż-ŻEE indipendentement min-nazzjonalità jew mill-post ta' residenza tal-artist jew tal-produttur ta' reġistrazzjoni jew minn fejn iseħħ l-ewwel iffissar.

81. Naqbel mal-Kummissjoni li t-test tad-Direttiva 2006/115 huwa inambigwu, u l-applikazzjoni mingħajr restrizzjoni tal-Artikolu 8(2) għall-benefiċjarji minn Partijiet Kontraenti l-oħra hija konsistenti mhux biss mal-obbligu ta' trattament nazzjonali, iżda wkoll mal-għan u l-fini tad-Direttiva, jiġifieri protezzjoni uniformi u ta' livell għoli [16] u funzjonament tajjeb tas-suq intern.

82. Għaldaqstant, l-Irlanda, bħal kull Stat Membru, ma għandhiex (u qatt ma kellha) diskrezzjoni li tapplika l-kriterji tagħha stess sabiex tistabbilixxi liema artisti jikkwalifikaw bħala "artisti rilevanti" skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2006/115 minħabba li dan huwa rregolat biss mid-Direttiva bħala materja tad-dritt tal-Unjoni fid-dawl tal-obbligi tal-Unjoni skont il-WPPT.

83. Għaldaqstant, il-Kummissjoni hija korretta meta ssostni li d-Direttiva 2006/115 hija konformi mal-obbligu tal-Unjoni li joriġina minn strumenti internazzjonali, li jingħata trattament nazzjonali skont il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* u l-applikazzjoni tiegħu għal atti ġewwa l-Unjoni. Dan ma jeżiġix riferiment speċifiku għall-kunċett ta' trattament nazzjonali fil-każ ta' trattament nazzjonali sabiex id-Direttiva tkun kompatibbli mal-Artikolu 4 tal-WPPT. L-obbligu li l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva jiġi interpretat fid-dawl tal-Artikolu 4 tal-WPPT ma huwiex, għalhekk, affettwat mill-fatt li trattament nazzjonali ma jissemmiex espressament fid-Direttiva. L-Avukat Ġenerali Tizzano

14 Ara, dwar dan, SCF punt 52 *et seq*. Għal kritika ta' din il-ġurisprudenza ara Simon, D., *Effets des accords internationaux dans l'ordre juridique de l'Union, Europe*, Nru 5, Mejju 2012.

15 Għal approċċ differenti, ara d-Direttiva 2001/84/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2001 dwar id-dritt tal-bejgħ mill-ġdid għall-benefiċċju ta' l-awtur ta' xogħol oriġinali ta' l-arti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17. Vol. 1, p. 240).

16 L-għan ta' armonizzazzjoni skont l-Artikoli 114, 56 u 62 TFUE.

fil-kawża SENA, C-245/00, EU:C:2002:543, ikkonkluda li r-regoli dwar trattament nazzjonali skont il-Konvenzjoni ta' Ruma jagħmlu parti integrali mid-dritt tal-Unjoni. Ninnota li dawk il-konklużjonijiet kienu saru qabel ir-ratifika formali tal-WPPT mill-Unjoni[17]. Fil-fatt, l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115 jikkorrispondi mal-Artikolu 15 tal-WPPT.

84. B'mod sinjifikattiv, sabiex tkun konformi mal-obbligi tagħha skont il-WPPT (ara d-dikjarazzjoni tal-Komunità Ewropea msemmija fl-Artikolu 26 tal-WPPT), l-Unjoni għandha (tkun tista') tiżgura li l-Istati Membri tagħha jikkonformaw mal-obbligu ta' trattament nazzjonali. Dan huwa wieħed mill-modi kif tiġi żgurata konformità ma' trattament nazzjonali.

85. F'dan ir-rigward, naqbel mal-argument magħmul fid-digriet tar-rinviju (punt 37) li jista' jsir riferiment għall-Artikolu 23(1) tal-WPPT li jipprovdi li l-Partijiet Kontraenti jintrabtu li jieħdu, skont l-ordinamenti ġuridiċi tagħhom, il-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw l-applikazzjoni ta' dan it-trattat. Għalhekk, l-Unjoni, bħala Parti Kontraenti, hija marbuta b'dan l-obbligu, u wieħed mill-modi li bih l-Unjoni Ewropea tosserva dan l-obbligu huwa permezz tal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115.

86. Minn dak li ntqal iktar 'il fuq isegwi li l-argument ta' PPI, li jgħid li fin-nuqqas ta' dispożizzjoni speċifika f'dik id-direttiva, it-trattament nazzjonali jitħalla għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri, ma jistax jintlaqa'.

87. Għaldaqstant, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115 għandu jiġi interpretat fid-dawl tar-rekwiżiti tal-WPPT li fir-rigward tiegħu l-Unjoni hija parti u huwa konformi mal-obbligu tal-Unjoni li tagħti trattament nazzjonali kif mitlub mill-Artikolu 4 tal-WPPT mingħajr il-ħtieġa ta' dispożizzjoni speċifika għal dan l-għan.

B. Fuq it-tieni domanda

1. Sommarju tal-argumenti tal-partijiet

88. RAAP issostni li Stat Membru ma għandux diskrezzjoni jippreskrivi kriterji sabiex jiġi stabbilit liema artisti jikkwalifikaw bħala "artisti rilevanti" skont l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115, sa fejn dawn il-kriterji jikkunfliġġu mal-obbligi tal-Istat Membru skont il-Konvenzjoni ta' Ruma u/jew il-WPPT.

89. PPI ssostni essenzjalment li, peress li l-Artikolu 8(2) ma jistabbilixxi ebda miżura għall-implimentazzjoni tal-obbligu ta' trattament nazzjonali tal-Artikolu 4 tal-WPPT, f'ċirkustanzi fejn il-prestazzjoni inkwistjoni ma tkunx twettqet fiż-ŻEE u ma tkunx saret minn ċittadin, iddomiċiljat jew residenti fiż-ŻEE, l-Istati Membri jkollhom diskrezzjoni sħiħa sabiex jistabbilixxu l-kriterji għall-identifikazzjoni tal-benefiċjarji tad-dritt tal-Artikolu 8(2), bla ħsara, naturalment, għall-fatt li l-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligi ta' trattati internazzjonali tagħhom stess. Għaldaqstant, ma huwiex kontra l-obbligu ta' Stat Membru, skont l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva, li jiġi limitat id-dritt li l-ħlas ekwu jinqasam f'sitwazzjonijiet meta r-reġistrazzjoni użata għax-xandira jew għall-komunikazzjoni mingħajr fili lill-pubbliku fl-Istat Membru kkonċernat kienet (i) ta' prestazzjoni li twettqet f'pajjiż taż-ŻEE jew (ii) ingħatat minn artist li jkun ċittadin, iddomiċiljat jew residenti f'pajjiż taż-ŻEE.

90. L-Irlanda tirrileva li d-Direttiva 2006/115 tippermetti lill-Istati Membri, bħall-Irlanda, fl-implimentazzjoni ta' din id-direttiva, diskrezzjoni leġiżlattiva normali dwar il-forma u l-metodi ladarba l-għanijiet tad-Direttiva jkunu trasposti fid-dritt nazzjonali.

17 Ara wkoll, għal dan il-għan *Sterling on World Copyright Law*, ir-raba' edizzjoni, Sweet & Maxwell Thomson Reuters, Artikolu 28B.07.

91. F'kull każ, l-Irlanda ssostni, essenzjalment, li ma hemm ebda obbligu li jeżiġi li hija tipprovdi ħlas ekwu kull darba li jinħoloq dritt għal ħlas għal produttur ta' reġistrazzjoni skont ir-regola tal-ewwel pubblikazzjoni u r-regola tat-tletin jum skont il-Konvenzjoni ta' Ruma u inkorporata fil-WPPT skont l-Artikolu 4 tal-WPPT. L-ebda wieħed mill-istrumenti ma għandu effett dirett u lanqas ma hemm test fid-Direttiva dwar tali kunċetti; għalhekk, ma hemm xejn li jistgħu jkunu bbażati fuqu.

92. Il-Kummissjoni ssostni, essenzjalment, li r-risposta għat-tieni domanda għandha tkun fis-sens li Stat Membru ma għandux diskrezzjoni li jippreskrivi kriterji li jistabbilixxu liema artisti jikkwalifikaw bħala "artisti rilevanti" skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva.

2. Analiżi

93. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-Istati Membri għandhomx diskrezzjoni japplikaw il-kriterji tagħhom stess għall-kunċett ta' "artisti rilevanti" billi jibbażaw ruħhom fuq il-ftehimiet internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur u ta' drittijiet relatati li fir-rigward tagħhom huma partijiet bħall-Konvenzjoni ta' Ruma u l-WPPT, inkluż f'ċirkustanzi fejn il-prestazzjoni sseħħ fiż-ŻEE.

94. Fil-fehma tiegħi, ir-risposta għal din id-domanda tirriżulta mir-risposta għall-ewwel domanda.

95. Jidhirli li, minħabba li din id-domanda ma tirreferi espressament għal ebda obbligu internazzjonali, hija għandha tingħata risposta biss b'riferiment għad-Direttiva 2006/115 fid-dawl tal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni stess. Ser nindirizza l-kwistjoni ta' kwalunkwe diskrezzjoni skont il-konvenzjonijiet internazzjonali fil-kuntest tat-tielet domanda u, kif ser naraw, l-Istati Membri ma għandhomx tali diskrezzjoni.

96. Skont l-Artikolu 8(2) ta' din id-direttiva, tingħata protezzjoni kemm lil artisti kif ukoll lil produtturi meta jiġu osservati żewġ kundizzjonijiet, jiġifieri, (i) il-prestazzjoni tkun irreġistrata f'fonogramma "[i]ppubblikat[a] għal finijiet kummerċjali" u (ii) dik il-fonogramma tintuża minn utent billi jiġu skattati atti ta' komunikazzjoni lill-pubbliku jew b'xandir mingħajr fili.

97. Fin-nuqqas ta' definizzjoni u ta' kwalunkwe riferiment għad-dritt tal-Istati Membri, il-kunċett ta' fonogramma "[i]ppubblikat[a] għal finijiet kummerċjali" skont l-Artikolu 8(2) għandu jinftiehem bħala kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni. Il-kontenut tiegħu jista' jiġi stabbilit mill-għan u mill-fini ta' dik id-dispożizzjoni, peress li l-Artikolu 8(2) iservi sabiex jimplimenta l-Artikolu 15 tal-WPPT, jekk isir rikors għad-definizzjoni rilevanti ta' "pubblikazzjoni" fl-Artikolu 2(e) tal-WPPT, fejn "pubblikazzjoni" ta' prestazzjoni rreġistrata jew ta' fonogramma tfisser l-offerta ta' kopji tal-prestazzjoni rreġistrata jew tal-fonogramma lill-pubbliku bil-kunsens tad-detentur tad-dritt, u sakemm ikunu offruti kopji lill-pubbliku fi kwantità raġonevoli.

98. Il-WPPT stabbilixxa li prestazzjonijiet li jkunu ġew irreġistrati f'fonogramma għandhom jingħataw trattament nazzjonali fil-każijiet kollha li fihom il-fonogramma tkun eliġibbli għal protezzjoni. Filwaqt li partijiet kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Ruma u għall-WPPT għandhom ċerta diskrezzjoni b'rabta ma' aspetti tal-obbligi tagħhom għal trattament nazzjonali, dan huwa obbligu ċar mingħajr possibbiltà ta' deroga. RAAP issostni li l-kriterji għat-tgawdija tad-dritt ma għandhomx jikkompromettu l-garanzija għal ħlas għaż-żewġ gruppi ta' detenturi ta' drittijiet u għad-dritt effettiv u sostanzjali għaż-żewġ detenturi li huwa intiż li jingħata skont l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115.

99. Kif irrilevat korrettament il-Kummissjoni, id-definizzjoni ta' "pubblikazzjoni" fl-Artikolu 2(e) tal-WPPT ma tirreferix għall-post ta' pubblikazzjoni; lanqas għall-ewwel (enfasi miżjuda) pubblikazzjoni. Din tirreferi pjuttost biss għall-att ta' offerta lill-pubbliku b'kunsens. Dan l-att ta' offerta ta' fonogramma, li jkun jinkludi prestazzjoni rreġistrata, għandu jkun att li jseħħ fl-Unjoni. Huwa għandu wkoll isir għal "finijiet kummerċjali" li, fin-nuqqas ta' definizzjoni, għandu jitqies li jfisser li tali fonogramma tkun inħarġet b'mod ġenerali u tqegħdet fis-suq għall-użu, b'kunsens.

100. Madankollu, ma hemm xejn fit-test tal-Artikolu 8(2), moqri fid-dawl tal-Artikolu 15 tal-WPPT, li minnu jista' jinsilet li l-prestazzjoni partikolari ffissata fil-fonogramma *għandha l-ewwel tkun ġiet ipprestata jew li dik il-prestazzjoni għandha l-ewwel tkun ġiet iffissata* (enfasi miżjuda) fl-Unjoni sabiex tibbenefika mid-dritt għal ħlas ekwu.

101. B'mod partikolari, Stat Membru ma jistax jirrestrinġi d-dritt li ħlas ekwu jinqasam għal ċirkustanzi meta l-prestazzjoni sseħħ fiż-ŻEE indipendentement minn jekk l-artisti jkunux iddomiċiljati jew residenti f'pajjiż taż-ŻEE. Fil-fatt, id-Direttiva 2006/115 ma tinkludi ebda referenza espressa għad-dritt tal-Istati Membri f'dan ir-rigward.

102. Kif spjegat fil-punt 97 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-kunċett ta' fonogramma li tiġi "ippubblikata għal finijiet kummerċjali" skont l-Artikolu 8(2) għandu jinftiehem bħala kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni. Id-dispożizzjonijiet inkwistjoni jeżiġu biss li l-utent skatta d-dritt għal ħlas billi jdoqq ir-reġistrazzjoni awdjo fl-Unjoni. F'dan is-sens, prestazzjoni sseħħ fl-Unjoni/fiż-ŻEE indipendentement min-nazzjonalità jew mill-post ta' residenza tal-artist jew tal-produttur tar-reġistrazzjoni jew minn fejn isir l-ewwel iffissar tar-reġistrazzjoni.

103. L-Artikolu 8(2) japplika għall-użu sekondarju ta' fonogramma li jkun dirett jew indirett u li jseħħ fit-territorju tal-Unjoni/taż-ŻEE. Meta moqri fid-dawl tal-Artikolu 2(a), li jirreferi għal "artist" b'mod ġenerali, u tal-Artikolu 15 tal-WPPT, l-Artikolu 8(2) tal-WPPT jiskatta minn kwalunkwe utent li jwettaq att ta' komunikazzjoni lill-pubbliku li jirriproduċi l-ħoss jew rappreżentazzjonijiet ta' ħsejjes rreġistrati f'fonogramma, jiġifieri billi jdoqq il-fonogramma jew billi jxandar b'mezzi mingħajr fili, jiġifieri b'mezzi tradizzjonali analogi.

104. Għaldaqstant, "l-artist rilevanti", għall-finijiet tal-Artikolu 8(2) huwa l-artist, jiġifieri persuna li l-prestazzjoni tagħha ssir b'mod li tkun tista' tinstema' meta tindaqq fonogramma li fiha tkun ġiet irreġistrata dik il-prestazzjoni fit-territorju tal-Unjoni.

105. Kif irrilevat il-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, l-Artikolu 8(2) huwa differenti mill-Artikoli 4 u 5 tal-Konvenzjoni ta' Ruma li jippermettu lill-partijiet kontraenti japplikaw kriterju ta' nazzjonalità jew ta' reġistrazzjoni jew ta' pubblikazzjoni kemm għal produtturi kif ukoll għal prestazzjonijiet irreġistrati f'fonogrammi. Madankollu, dan ma huwiex il-każ fir-rigward tal-Artikolu 8(2).

106. Il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat ukoll il-kunċetti ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" u ta' "fonogramma" (SCF, PPL Ireland u Rundfunk [18]) u ta' "postijiet aċċessibbli għall-pubbliku fuq ħlas ta' miżata għad-dħul" (Rundfunk) b'riferiment għall-WPPT u wkoll għall-Konvenzjoni ta' Ruma. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 92/100 jeżiġi interpretazzjoni individwali tal-identità ta' "utent" u tal-kwistjoni tal-użu tal-fonogramma inkwistjoni (SCF).

18 Rispettivament, is-sentenzi tal-15 ta' Marzu 2012, SCF Consorzio Fonografici (C-135/10, EU:C:2012:140 (SCF)); tal-15 ta' Marzu 2012, Phonographic Performance (Ireland) (C-162/10, EU:C:2012:141 ("PPL Ireland"); u tas-16 ta' Frar 2017, Verwertungsgesellschaft Rundfunk (C-641/15, EU:C:2017:131.) Ara, b'mod ġenerali, Ben Dahmen, K., *Interactions du droit international et du droit de l'Union européenne: Un pluralisme juridique rénové en matière de propriété industrielle*, L'Harmattan, 2013.

107. Barra minn hekk, inqis (kif tagħmel il-Kummissjoni) li din l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2006/115 hija l-unika waħda li hija konsistenti ma' livell għoli ta' protezzjoni (premessa 5), protezzjoni uniformi u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern (premessa 17) [19].

108. Kif diġà ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi SCF u PPL Ireland, l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115 jagħti dritt lil artisti u produtturi ta' fonogrammi li huwa kumpensatorju min-natura tiegħu u li jiġi eżerċitat fil-każ ta' użu ta' xogħol jew ta' materjal ieħor protett. Dan huwa dritt li min-natura tiegħu huwa essenzjalment finanzjarju, li ma jistax jiġi eżerċitat qabel ma tkun ippubblikata fonogramma għal finijiet kummerċjali, jew sakemm riproduzzjoni ta' tali fonogramma tkun intużat għal komunikazzjoni lill-pubbliku minn utent.

109. Fl-istess waqt id-Direttiva 2006/115 ma tagħmilx referenza għal-liġijiet tal-Istati Membri sabiex jiġu stabbiliti t-tifsira u l-iskop ta' kull wieħed mill-kunċetti msemmija fl-Artikolu 8(2). Għaldaqstant, minħabba l-ħtieġa ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni u tal-prinċipju ta' ugwaljanza, dawn il-kunċetti għandhom normalment jingħataw interpretazzjoni awtonoma u uniformi fl-Unjoni kollha [20].

110. Minn dak li ntqal iktar 'il fuq isegwi li Stat Membru ma għandux diskrezzjoni jippreskrivi kriterji sabiex jiġi stabbilit liema artisti jikkwalifikaw bħala "artisti rilevanti" skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2006/115. B'mod partikolari, Stat Membru ma jistax jirrestrinġi d-dritt li ħlas ekwu jinqasam f'ċirkustanzi fejn il-prestazzjoni sseħħ fiż-ŻEE indipendentement minn jekk l-artisti jkunux iddomiċiljati jew residenti f'pajjiż taż-ŻEE.

C. Fuq it-tielet domanda

1. Sommarju tal-argumenti tal-partijiet

111. RAAP issostni li d-diskrezzjoni li għandu Stat Membru li jirrispondi reċiprokament għal riżerva magħmula minn Parti Kontraenti oħra skont l-Artikolu 15(3) tal-WPPT hija limitata fis-sens li r-risposta għandha tirrifletti t-termini tar-riżerva magħmula. Parti Kontraenti ma hijiex obbligata ma tapplikax id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Ruma dwar ir-regola tat-tletin jum sabiex tevita kriterji asimmetriċi ta' kwalifika bejn produtturi ta' reġistrazzjonijiet u artisti. Dak li huwa meħtieġ huwa li d-dispożizzjonijiet tal-WPPT għal kwalifika ta' prestazzjonijiet għal trattament nazzjonali abbażi ta' inkorporazzjoni f'fonogramma protetta (li tkun tinkorpora l-kriterji tal-Konvenzjoni ta' Ruma) ikunu osservati. Parti Kontraenti għad-WPPT hija libera li tagħti drittijiet lil ċittadini ta' Parti Kontraenti oħra li tkun għamlet riżerva skont l-Artikolu 15(3), liema drittijiet ikunu iktar ġenerużi minn dawk mogħtija mill-parti li tagħmel ir-riżerva fid-dritt nazzjonali tagħha, madankollu, tali dispożizzjoni għandha tkun konformi mar-rekwiżiti tal-WPPT u, jekk ikun il-każ, mal-Konvenzjoni ta' Ruma, u għandha wkoll tkun konformi mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni.

112. PPI tqis li, bħala prinċipju, Stat Membru għandu diskrezzjoni skont il-WPPT li jirrispondi għal riżerva skont l-Artikolu 15(3). Ma huwiex obbligat jirrifletti l-effett ta' riżerva u jevita kull sitwazzjoni li fiha ċittadini tal-Istat tar-riżerva jitqiegħdu f'qagħda iktar vantaġġuża minn dik taċ-ċittadini tiegħu *vis-à-vis* l-Istat tar-riżerva. Il-Konvenzjoni ta' Ruma stess kienet tipprevedi l-possibbiltà li ċittadini ta' Stati terzi mhux Kontraenti jistgħu jiksbu vantaġġ mhux irreċiprokat permezz tar-regola tat-tletin jum tal-Artikolu 5(2), iżda ma kinitx teżiġi lil Stati Kontraenti jevitaw dik il-possibbiltà. L-Irlanda hija obbligata, skont il-Konvenzjoni ta' Ruma, tonora l-obbligi tagħha lejn produtturi Amerikani skont ir-regola tat-tletin jum.

19 Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-20 ta' Jannar 2009, Sony Music Entertainment (C-240/07, EU:C:2009:19, punti 20-25, 27 u 35). Dan huwa diġà evidenti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Ara s-sentenza tal-31 ta' Mejju 2016, Reha Training Gesellschaft (C-117/15, EU:C:2016:379, punt 28).

20 Ara dwar dan is-sentenzi tas-16 ta' Lulju 2009, Infopaq International (C-5/08, EU:C:2009:465, punti 27 u 28), u tat-3 ta' Settembru 2014, Deckmyn and Vrijheidsfonds (C-201/13, EU:C:2014:2132, punti 14 u 15).

113. Il-pożizzjoni vantaġġjuża ta' produtturi Amerikani (u ta' dawk ta' Partijiet Kontraenti oħra ta' riżerva) toriġina mill-applikazzjoni tar-regola tal-ewwel pubblikazzjoni/tletin jum skont il-Konvenzjoni ta' Ruma biss. L-Irlanda setgħet għamlet riżerva skont l-Artikolu 16(1)(a)(iii) tal-Konvenzjoni ta' Ruma sabiex teskludi l-possibbiltà ta' ħlasijiet lil produtturi li jkunu ċittadini ta' Stati mhux Kontraenti skont l-Artikolu 5(2), iżda l-Irlanda għażlet li ma tagħmilx hekk u ma kinitx obbligata tagħmel hekk. Hija ma tistax issa tkun obbligata tagħmel tali riżerva sabiex tiżgura trattament ugwali ta' produtturi u artisti li jkunu ċittadini ta' Stati b'riżerva.

114. Riżerva magħmula minn Parti Kontraenti għall-WPPT li teskludi l-applikazzjoni tal-Artikolu 15(1) ikollha l-konsegwenza li, fir-rigward ta' dik il-Parti Kontraenti, l-*istatus quo ante* sabiex jingħata ħlas ekwu lil produtturi u artisti jibqa' jkollu effett; b'mod partikolari, ir-riżerva tfisser li ma jkunx jista' jkun hemm obbligu għall-Irlanda li tipprovdi ħlasijiet lill-artisti li jkunu ċittadini tal-parti b'riżerva.

115. L-Irlanda tqis li riżerva, indipendentement mill-estent tagħha, tagħti dritt lill-Partijiet Kontraenti l-oħra sabiex ma jagħtu ebda trattament nazzjonali. Hija tikkontendi li r-risposta "kopja preċiża" ta' RAAP ma hijiex sostnuta mil-lingwa, mill-għan jew mill-kuntest tal-WPPT. Parti Kontraenti għandha d-dritt, fiċ-ċirkustanzi ta' riżerva għall-finijiet ta' din id-domanda, tittratta artisti b'mod differenti minn produtturi ta' fonogrammi meta fonogramma tiġi ppubblikata għall-ewwel darba fi Stat Kontraenti. Bħala kwistjoni ta' prinċipji li jiġu l-ewwel, u indipendentement mill-obbligi skont it-Trattat, sakemm ma jkunx hemm projbizzjoni applikabbli tad-dritt internazzjonali, il-parti mitluba tagħti risposta tkun ħielsa tipprovdi sistema iktar ġeneruża minn dik mogħtija mill-parti ta' riżerva. Dan jista' jseħħ minħabba kunsiderazzjonijiet li ma jkollhomx rabta diretta mas-suġġett jew minħabba strateġija jew politika nazzjonali.

116. Il-Kummissjoni ssostni essenzjalment li l-Istati Membri ma għandhomx diskrezzjoni f'qasam li jaqa' fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni u ma jistgħux jirrispondu għar-riżervi magħmula minn Partijiet Kontraenti oħra jew japplikaw kriterji oħra ħlief dawk stabbiliti fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115.

2. Analiżi

117. Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk l-Istati Membri jistgħux jirrispondu għal riżervi magħmula minn Partijiet Kontraenti oħra tal-WPPT jew japplikaw ir-regoli partikolari tal-Konvenzjoni ta' Ruma dwar l-eliġibbiltà għal protezzjoni.

118. Dwar ir-rabta bejn il-kunċett ta' "ħlas xieraq" fl-Artikolu 15 tal-WPPT, fl-Artikolu 12(d) tal-Konvenzjoni ta' Ruma (li huwa l-mudell tal-Artikolu 15 tal-WPPT) u fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 92/100 (issa d-Direttiva 2006/115), jidhirli li huwa biss il-WPPT li huwa rilevanti. Il-Konvenzjoni ta' Ruma ma hijiex parti mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni u r-rekwiżiti speċifiċi inklużi fiha, b'rabta ma' dak li jikkostitwixxi fonogramma protetta fl-Artikolu 5, ma jorbtux lill-Unjoni; lanqas ir-regoli tal-Konvenzjoni ta' Ruma dwar it-trattament nazzjonali, li jippermettu għażla bejn reġistrazzjoni, pubblikazzjoni u nazzjonalità għall-eliġibbiltà għal trattament nazzjonali, ma huma vinkolanti għall-Unjoni.

119. Kif irrilevat il-Kummissjoni, ebda waħda mir-regoli inklużi fil-Konvenzjoni ta' Ruma ma huma riflessi fit-test tal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115 li, anki meta ġiet adottata bħala d-Direttiva 92/100, ma tippermetti ebda riżerva jew restrizzjoni fl-applikazzjoni tagħha.

120. Għalhekk, huwa biss l-Artikolu 4(2) tal-WPPT li għandu jiġi analizzat hawnhekk.

121. L-Artikolu 4(2) tal-WPPT, li fir-rigward tiegħu l-Unjoni hija parti, jipprovdi eċċezzjoni għal trattament nazzjonali fil-każ ta' riżervi awtorizzati taħt l-Artikolu 15(3) tal-WPPT.

122. Il-Kummissjoni ssostni li d-Direttiva 2006/115 tagħmel parti minn "qasam li issa huwa ta' kompetenza esklużiva tal-Unjoni" u tirreferi b'mod ġenerali għal "regoli komuni tal-Unjoni skont id-drittijiet diversi tal-proprjetà intellettwali previsti mid-dritt tal-Unjoni".

123. Skont il-Kummissjoni, filwaqt li huwa minnu li fiż-żmien tal-iffirmar u tar-ratifika tal-WPPT u tat-trattat relatat, it-Trattat WIPO dwar id-Drittijiet tal-Awtur (WCT) mill-Unjoni, dan il-qasam tqies li kien ta' kompetenza kondiviża u, għalhekk, l-Istati Membri rratifikaw dawn it-trattati flimkien mal-Unjoni, dan ma għadux il-każ. L-Unjoni issa ħadet post l-Istati Membri fir-rigward tal-WPPT. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni qiegħda tipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tittrasponi (fil-każ tal-WPPT) ir-raġunament segwit mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża TV2 Danmark [21], li kienet dwar il-Konvenzjoni ta' Berne għall-Protezzjoni ta' Xogħlijiet Letterarji u Artistiċi [22].

124. B'mod partikolari, il-punt 31 ta' dik is-sentenza jipprovdi: "[...] meta adotta d-Direttiva 2001/29/KE dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni huwa kkunsidrat li eżerċita l-kompetenzi preċedentement mogħtija lill-Istati Membri fil-qasam tal-proprjetà intellettwali. Fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, l-Unjoni għandha tiġi kkunsidrata bħala li ssostitwixxiet ruħha għall-Istati Membri li ma għadhomx iktar kompetenti sabiex jimplementaw l-istipulazzjonijiet rilevanti tal-Konvenzjoni ta' Berne [...]".

125. Il-Kummissjoni ssostni li, minħabba li l-qasam kopert mid-Direttiva 2006/115 issa huwa wieħed ta' kompetenza esklużiva, l-Istati Membri ma jistgħux jirrispondu għal riżervi magħmula minn Partijiet Kontraenti oħra skont l-Artikolu 15(3) tal-WPPT; lanqas ma jistgħu huma stess japplikaw l-Artikolu 4(2). Għalhekk, huwa l-obbligu tal-Unjoni Ewropea li tistabbilixxi, b'mod uniformi għat-territorju kollu tal-Unjoni, liema għandha tkun il-konsegwenza għal artisti Amerikani, li l-mużika tagħhom tixxandar fl-Unjoni, tar-riżerva magħmula minn dik il-Parti Kontraenti abbażi tal-Artikolu 15(3) imsemmi iktar 'il fuq tal-WPPT.

126. Jiena naqbel ma' din l-argumentazzjoni. L-ewwel nett, fil-fehma tiegħi, jeħtieġ li ma jintlaqax l-argument ta' PPI u tal-Irlanda bbażat fuq il-fatt li l-WPPT ma għandux effett dirett u intiż sabiex jintwera li t-trattament nazzjonali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi kif stabbilit f'dan it-trattat b'ebda mod ma jirrigwarda d-Direttiva.

127. Huwa biżżejjed li titfakkar il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-fatt li l-WPPT kif ukoll il-Konvenzjoni ta' Ruma ma għandhomx effett dirett bl-ebda mod ma jiżvija mill-obbligu li d-Direttiva 2006/115 tiġi interpretata fid-dawl ta' dawk il-ftehimiet [23].

128. Iktar minn hekk, is-sempliċi fatt li d-dritt sekondarju tal-Unjoni, li jfittex li jiżgura ħlas ekwu lil artisti li x-xogħlijiet kreattivi tagħhom jiġu kkomunikati lill-pubbliku fl-Unjoni, ma jsemmix espressament l-obbligu internazzjonali tal-Unjoni li tittratta b'mod ugwali artisti tal-Unjoni u dawk ta' pajjiżi terzi, ma huwiex biżżejjed sabiex jeskludi r-rekwiżit ta' interpretazzjoni tad-dritt sekondarju tal-Unjoni b'mod konformi ma' dak l-obbligu.

21 Sentenza tas-26 ta' April 2012, DR u TV2 Danmark (C-510/10, EU:C:2012:244, punt 31). Għal kritika ta' din il-ġurisprudenza ara Treppoz, E.,– *Le juge européen et les normes internationales en matière de droit d'auteur*, Chronique Droit européen de la propriété intellectuelle, RTD Eur., 2012, p. 964. Ara wkoll Bergé, J.-S., Les mots de l'interaction : compétence, applicabilité et invocabilité, JDI, 2012, chron. 5.

22 Att ta' Pariġi tal-24 ta' Lulju 1971, kif emendat fit-28 ta' Settembru 1979 (iktar 'il-quddiem il-"Konvenzjoni ta' Berne"). Ara, f'dan ir-rigward, b'rabta ma' "trattament nazzjonali", Ricketson, S. u Ginsburg, J. C., I*nternational Copyright and Neighbouring Rights: The Berne Convention and Beyond*, Vol. 1, Oxford, 2006, p. 295.

23 Ara SCF (C-135/10, EU:C:2012:140, punti 47 sa 50, 52 u 53 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara, madankollu, Moura Vicente, D., *La propriété intellectuelle en droit international privé*, ADI Poche, 2009, p. 120 u n-nota 274, li tispjega li ċerti artikoli ta' TRIPS jistgħu jkollhom effett dirett, kif kien deċiż preċedentement fil-Ġermanja.

129. Barra minn hekk, inqis li l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115 għandu fil-fatt jidher bħala l-implimentazzjoni mill-Unjoni tal-Artikolu 15 tal-WPPT, b'mod partikolari minħabba l-paragrafu 2 ta' dak l-artikolu [24].

130. Madankollu, għandu jitfakkar li l-obbligu li tingħata interpretazzjoni tad-dritt sekondarju tal-Unjoni li tkun konformi ma' ftehim imħallat ma jestendix għal obbligi li hemm f'dak il-ftehim li jagħmlu parti mill-oqsma fejn l-Unjoni Ewropea għadha ma eżerċitatx is-setgħat tagħha u lleġiżlat b'importanza suffiċjenti [25].

131. Għaldaqstant, għandu l-ewwel jiġi stabbilit jekk hemmx regoli tal-Unjoni "fil-qasam ikkonċernat" [26].

132. Kif irrilevat l-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawża Lesoochranárske zoskupenie (C-240/09, EU:C:2010:436, punt 66), ma huwiex neċessarjament ċar liema livell ta' eżerċizzju ta' setgħat tal-Unjoni huwa ta' "importanza suffiċjenti" sabiex iwassal għall-konklużjoni li l-Unjoni lleġiżlat f'"qasam" partikolari.

133. Kif għandu jiġi ddefinit "qasam" partikolari? Jista' jkun kunċett wiesa' ta' "leġiżlazzjoni dwar id-dritt tal-proprjetà intellettwali"? Huwa minnu li fil-kawża Etang de Berre [27], il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li "leġiżlazzjoni li tolqot l-ambjent" li kienet teżisti kienet biżżejjed sabiex tkun stabbilita l-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. F'kull każ, isegwi mill-ġurisprudenza diskussa f'dawn il-konklużjonijiet li l-"qasam rilevanti" għandu jiġi stabbilit abbażi ta' każ b'każ.

134. F'din il-kawża, il-Kummissjoni sostniet fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha li l-qasam inkwistjoni għandu jiġi deskritt bħala kunċett eċċessivament wiesa', dak tal-qasam tal-proprjetà intellettwali. Il-Kummissjoni kienet diġà qajmet dan l-argument preċedentement fil-kawżi Dior [28] u Merck Genericos [29].

135. Bħalma dak l-argument estensiv ġie miċħud mill-Qorti tal-Ġustizzja f'dawk iż-żewġ kawżi – u minkejja l-formulazzjoni tal-punt 31 tas-sentenza tas-26 ta' April 2012, DR u TV2 Danmark, (C-510/10, EU:C:2012:244), li naħseb li għandu jkun applikat b'analoġija f'din il-kawża – jiena nqis li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi li l-qasam inkwistjoni ma jistax jiġi deskritt bħala li huwa, b'mod ġenerali ħafna, dak tal-*acquis* tal-proprjetà intellettwali.

136. Fil-fatt, li kieku dan il-qasam kellu jkun, fl-intier tiegħu, il-qasam inkwistjoni, kien ikun faċli li jingħad li l-Unjoni Ewropea kienet illeġiżlat b'mod estensiv fil-qasam tal-proprjetà intellettwali u li jiġi konkluż li l-aspetti kollha ta' dak il-qasam, li kienu jkunu fi ftehim imħallat, jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni pjuttost milli taħt dik tal-Istati Membri, u dan minkejja li għadd kunsiderevoli ta' suġġetti tal-proprjetà intellettwali sa issa kienu biss armonizzati superfiċjalment.

24 Li jgħid: "Partijiet kontraenti jistgħu jistabbilixxu fil-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom li l-ħlas xieraq ta' darba se jintalab lill-utent mill-prestatur jew mill-produttur ta' fonogramma jew mit-tnejn. Partijiet kontraenti jistgħu jgħaddu leġislazzjoni naturali [nazzjonali] li, fin-nuqqas ta' ftehim bejn il-prestatur u l-produttur ta' fonogramma, tqiegħed termini dwar kif prestaturi u produtturi ta' fonogrammi jaqsmu l-ħlas xieraq ta' darba."

25 Sentenza tal-11 ta' Settembru 2007, Merck Genéricos — Produtos Farmacêuticos (C-431/05, EU:C:2007:496, punti 34, 35 u 46).

26 Qabbel sentenzi tal-11 ta' Settembru 2007, Merck Genéricos — Produtos Farmacêuticos (C-431/05, EU:C:2007:496, punt 35) u tat-8 ta' Marzu 2011, Lesoochranárske zoskupenie (C-240/09, EU:C:2011:125, punti 31 u 32).

27 Sentenza tas-7 ta' Ottubru 2004, Il-Kummissjoni vs Franza (C-239/03, EU:C:2004:598, punt 28). Għal kritika tal-ġurisprudenza ara, pereżempju, Tanghe, Y., *The EU's external competence in IP matters: the contribution of the Daiichi Sankyo case to cloudy constitutional concepts, blurred borders, and corresponding court jurisdiction*, Columbia Journal of European Law, Vol. 22.1, 2015, p. 139 *et seq*.

28 Sentenza tal-14 ta' Diċembru 2000, Dior *et* (C-300/98 u C-392/98, EU:C:2000:688).

29 Sentenza tal-11 ta' Settembru 2007, Merck Genéricos — Produtos Farmacêuticos (C-431/05, EU:C:2007:496). Ara, pereżempju, Holdgaard, R., *Case C-431/05, Merck Genéricos*, CMLR 45, 2008, p. 1233.

137. Filwaqt li huwa neċessarju li l-qasam inkwistjoni jiġi ddelimitat b'mod suffiċjentement preċiż, il-kwistjoni tqum jekk, fid-dawl b'mod partikolari tat-tielet domanda preliminari – liema domanda tikkonċerna l-għażliet possibbli ta' Parti Kontraenti meta Parti Kontraenti oħra tagħmel riżerva u dan fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni – huwiex xieraq li tiġi invokata l-ġurisprudenza dwar l-Artikolu 3(2) TFUE.

138. Din l-aħħar dispożizzjoni tikkonċerna impenji internazzjonali konklużi mill-Unjoni u teżiġi, sabiex tiġi stabbilita l-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, li l-qasam rilevanti jkun "qasam li fil-parti l-kbira tiegħu huwa ġa kopert bir-regoli tal-Unjoni"[30] (ara wkoll il-punt 147 ta' dawn il-konklużjonijiet).

139. Liema huwa għalhekk dan il-qasam, minħabba li ġeneralment ma jistax ikopri l-qasam kollu tal-proprjetà intellettwali?

140. Jiena naqbel ma' dak li ġie argumentat mill-Kummissjoni waqt is-seduta; il-qasam rilevanti li fir-rigward tiegħu l-Unjoni tista' tinvoka kompetenza esklużiva huwa l-qasam tad-drittijiet ta' reġistrazzjonijiet awdjo: id-drittijiet tal-artist, id-drittijiet tal-produttur tar-reġistrazzjoni fis-suġġett tal-protezzjoni li huwa l-fonogramma (jew ir-reġistrazzjoni) li tindaqq fi stabbilimenti, bars, ristoranti, eċċ, jiġifieri tintuża mill-utenti fl-Unjoni bħala att ta' użu għall-finijiet ta' komunikazzjoni lill-pubbliku jew ta' xandir (tinkludi wkoll id-drittijiet tal-awtur tax-xogħol oriġinali li huwa eżegwit – jistgħu jikkoinċidu peress xi drabi jkun hemm kantanti li jkunu kantanti-kompożituri).

141. Fir-rigward tat-trattament innifsu ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-*acquis*; kuntrarjament għal dak li jissuġġerixxu PPI u l-Irlanda, huwa biżżejjed li jingħad li d-Direttiva 2006/115 ma tgħid xejn dwar dan. Għaldaqstant, dan japplika għaċ-ċittadini kollha.

142. Kif irrilevat il-Kummissjoni, fejn l-acquis ma jgħid xejn, dan japplika għaċ-ċittadini kollha, kuntrarjament għal oqsma oħra tad-dritt, bħad-dritt tal-kumpanniji u d-dritt tal-kontabbiltà, fejn hemm kunċetti ta' stabbiliment jew ta' residenza u fejn il-leġiżlatur tal-Unjoni għamel provvediment għalihom. Dan ma huwiex il-każ fil-qasam tal-*acquis* tad-drittijiet tal-awtur bħala prinċipju. Din il-leġiżlazzjoni hija newtrali b'rabta mal-kwistjoni ta' fir-rigward ta' min tapplika. Dan huwa l-mod kif l-Unjoni tħares l-obbligi tagħha fil-kuntest ta' trattati internazzjonali li jipprevedu trattament nazzjonali.

143. Jekk wieħed jipprova jevadi d-drittijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, allura jkun id-dritt tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jagħmel dan b'mod espress, bi strument leġiżlattiv. Il-fatt li d-Direttiva 2006/115 ma tgħid xejn dwar dan huwa sostnut mit-test, li ma jeskludi lil ħadd skont it-termini tiegħu. Fil-fatt, bħala paragun ta' din id-direttiva ma leġiżlazzjoni fejn dan iseħħ, nirreferi għad-Direttiva 2001/84 (dwar id-dritt tal-bejgħ mill-ġdid għall-benefiċċju tal-awtur ta' xogħol oriġinali tal-arti). Hawnhekk, il-leġiżlatur tal-Unjoni għamel provvediment espress, f'din id-direttiva, sabiex jiżgura li huma biss il-Partijiet Kontraenti tal-Unjoni ta' Bern, li kellhom fid-dritt tagħhom provvediment materjali ekwivalenti għall-artisti meta jbigħu mill-ġdid ix-xogħlijiet artistiċi tagħhom, li jistgħu jibbenefikaw mid-dritt ta' bejgħ mill-ġdid tal-artist.

144. F'dan il-każ, il-leġiżlatur tal-Unjoni pprovda espressament taħt id-dispożizzjoni intitolata "Ċittadini ta' pajjiżi terzi intitolati li jirċievu royalties" li "[l]-Istati Membri għandhom jipprovdu li l-awturi li jkunu ċittadini ta' pajjiżi terzi u, soġġetti għall-Artikolu 8(2), is-suċċessuri tagħhom fit-titolu għandhom igawdu mid-dritt ta' bejgħ mill-ġdid skond din id-Direttiva u l-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru kkonċernat biss jekk il-leġislazzjoni fil-pajjiż li tiegħu l-awtur innifsu jew is-suċċessur tiegħu/tagħha fit-titolu jkun ċittadin tippermetti l-protezzjoni tad-dritt ta' bejgħ mill-ġdid f'dak il-pajjiż għall-awturi mill-Istati Membri u s-suċċessuri tagħhom fit-titolu".

30 Sentenza tal-4 ta' Settembru 2014, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-114/12, EU:C:2014:2151, punt 65 *et seq.*), Opinjoni 3/15 tal-Qorti tal-Ġustizzja (Trattat ta' Marrakexx biex jiġi Ffaċilitat l-Aċċess għal Xogħlijiet Pubblikati), EU:C:2017:114, punt 107.

145. Eżempju ieħor huwa d-Direttiva 96/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 1996 dwar il-protezzjoni legali ta' databases [31], fejn il-leġiżlatur introduċa d-dritt *sui generis* li ma kellu ebda korrispettiv fi trattat internazzjonali; ġiet inkluża dispożizzjoni li kellha l-effett li d-dritt għall-prevenzjoni ta' estrazzjoni mhux awtorizzata u/jew użu mill-ġdid fir-rigward ta' database għandha tapplika għal databases li l-prodotturi tagħhom ikunu ċittadini jew residenti abitwali ta' pajjiżi terzi jew għal dawk prodotti minn persuni legali mhux stabbiliti fi Stat Membru, fis-sens tat-Trattat, biss jekk tali pajjiżi terzi joffru protezzjoni paragunabbli għal databases prodotti minn ċittadini ta' Stat Membru jew persuni li għandhom ir-residenza abitwali tagħhom fit-territorju tal-Komunità.

146. Fid-Direttiva 2012/28/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ċerti użi permessi ta' xogħlijiet orfni [32], li kienet deroga mid-drittijiet tal-awturi u drittijiet relatati oħra, filwaqt li kien konxju mill-obbligi tiegħu taħt ftehimiet internazzjonali u fl-interessi ta' kortesija internazzjonali, il-leġiżlatur tal-Unjoni ħa d-deċiżjoni li ma japplikax ir-regoli għal ċittadini ta' pajjiżi terzi, sakemm ma kienx hemm deċiżjoni raġonevoli meħuda fil-kuntest kollu tal-każ li huma kellhom għarfien tal-użu li kien qiegħed isir mix-xogħlijiet tagħhom. Għaldaqstant, ċittadini ta' pajjiżi terzi kienu esklużi mill-effetti possibbilment dannużi tad-Direttiva dwar xogħlijiet orfni.

147. Sussegwentement, tqum il-kwistjoni dwar jekk wieħed jistax, f'din il-kawża, jinvoka l-ġurisprudenza b'rabta mal-Artikolu 3(2) TFUE, b'mod partikolari, is-sentenza fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-114/12, EU:C:2014:2151) u l-Opinjoni 3/5 tal-Qorti tal-Ġustizzja (Trattat ta' Marrakexx biex jiġi Ffaċilitat l-Aċċess għal Xogħlijiet Pubblikati) (3/15, EU:C:2017:114).

148. Inqis li — minkejja l-fatt li dawk iż-żewġ sitwazzjonijiet kienu jikkonċernaw ftehim internazzjonali li għad irid jiġi nnegozjat u trattat li ġie nnegozjat, hawnhekk l-Unjoni hija ġġustifikata li tinvoka kompetenza esklużiva fuq l-effett intervenjenti mhux biss fir-rigward tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tal-interpretazzjoni tal-*acquis* dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati, iżda wkoll fil-qasam tal-approfondiment ta' armonizzazzjoni permezz ta' korp ta' regoli [33]. Id-Direttiva 2014/26/UE tinkludi tliet definizzjonijiet ta' dispożizzjonijiet li huma rilevanti sabiex jiġi riżolt dan il-każ: definizzjoni newtrali ta' detentur tad-dritt, definizzjoni newtrali tad-dħul tad-dritt, u definizzjoni newtrali ta' mmaniġġar. Għaldaqstant, għal kwalunkwe att ta' użu tad-drittijiet ta' awtur ta' persuna jew ta' dritt relatat fl-Unjoni, dik il-persuna tirċievi dħul tad-drittijiet u kwalunkwe detentur tad-dritt jista' jagħmel pretensjoni għal dan id-dħul.

149. Barra minn hekk, jista' jiġi rrilevat, kif diġà sostna l-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer fil-kawża Merck, li l-ftehimiet konklużi konġuntament mill-Unjoni u l-Istati Membri flimkien jiżvelaw l-għan komuni tagħhom u jorbtuhom ma' pajjiżi terzi li huma partijiet għal dawk il-ftehimiet; il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali msemmi fl-Artikolu 4(3) TUE jeżiġi li l-Istati Membri jikkooperaw mhux biss fil-proċess sabiex ikunu nnegozjati u konklużi ftehimiet bħal dawk, iżda wkoll sabiex jiġu implimentati (Opinjoni 1/94 tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ftehimiet annessi mal-Ftehim tal-WTO) (EU:C:1994:384, punt 108)); dan għandu jinqara flimkien mad-dmir li tinkiseb l-effikaċja tad-dritt tal-Unjoni mhux biss fil-qasam leġiżlattiv iżda wkoll fl-oqsma tal-eżekuttiv u tal-ġustizzja [34].

31 ĠU 1996 L 9, verżjoni kkonsolidata, p. 1.

32 Test b'rilevanza ŻEE, ĠU 2012 L 299, p. 5.

33 Pereżempju, Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-immaniġġjar kollettiv tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati u ħruġ ta' liċenzji multiterratorjali ta' drittijiet f'xogħlijiet mużikali għall-użu onlajn fis-suq intern (ĠU 2014 L 84, p. 72).

34 L-Opinjoni fis-sentenza Merck tirreferi għal Kahl, W. "Artikel 10", f'Callies, Ch. u Ruffert, M., *Kommentar zu EU-Vertrag und EG-Vertrag*, Ed. Luchterhand, it-tieni edizzjoni, ireveduta u estiża, Neuwied u Kriftel, 2002, p. 451 *et seq*. Dawn l-argumenti huma sostnuti wkoll minn Etienne, J., *Arrêt « Merck Genéricos » : la compétence d'interprétation d'un accord international conclu par la Communauté et les Etats membres*, Journal de droit européen, 2008, p. 46.

150. Nixtieq nirrileva li hemm ukoll possibbilment kompetenza esklużiva oħra tal-Unjoni li tista' tkun rilevanti għal dan il-każ: dik tal-politika kummerċjali komuni (Artikolu 3(1)(e) TFUE). Fil-kawża tat-18 ta' Lulju 2013, Daiichi Sankyo u Sanofi-Aventis Deutschland (C-414/11, EU:C:2013:520, punti 52 u 53), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-regoli TRIPS jaqgħu taħt din il-kompetenza. Fil-fatt, uħud minn dawn ir-regoli jirrigwardaw preċiżament drittijiet ta' artisti u ta' produtturi [35]. Għalhekk, filwaqt li, teknikament, ma hemmx koinċidenza bejn it-TRIPS u il-WPPT, ma hemmx dubju li teżisti ċerta rabta.

151. Huwa minnu li d-dritt speċifiku inkwistjoni hawnhekk ma huwiex fil-Ftehim TRIPS (dak li huwa meħtieġ huwa osservanza tal-obbligi ta' trattament anzzjonali u tad-dispożizzjonijiet tat-TRIPS dwar l-istatus tan-nazzjon l-iktar favorit). Fi kwalunkwe każ, dan ma jipprekludix l-Unjoni milli tipprovdi tali dritt, dan ifisser sempliċement li dan ma jagħmilx parti mill-kuntest tal-Ftehim ta' TRIPS.

152. Għaldaqstant, isegwi mill-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq li jekk il-leġiżlatur tal-Unjoni jixtieq jemenda d-Direttiva 2006/115 u jeskludi ċittadini ta' pajjiżi terzi, allura għandha tkun l-Unjoni li tagħmel dan u mhux is-27 Stat Membru li jippruvaw jagħmlu dan b'modi differenti. Fil-fatt, li kieku dan jitħalla f'idejn l-Istati Membri, dan ibiddel il-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli komuni adottati mill-Unjoni.

153. Il-kwistjoni segwenti tqum obiter: jekk, fir-rigward tal-WPPT kollu kemm hu, l-Unjoni titqies li ħadet il-post tal-Istati Membri, liema huma l-konsegwenzi legali li jkollhom ir-riżervi magħmula mill-Istati Membri skont dak it-trattat (ara d-dikjarazzjonijiet tar-Renju tad-Danimarka, tar-Repubblika tal-Finlandja, tar-Repubblika Franċiża, tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u tar-Renju tal-Isvezja fin-Notifika Nru 78 ta' dak it-trattat, kif ukoll id-dikjarazzjoni tar-Repubblika tal-Finlandja fin-Notifika Nru 88 mehmuża ma' dak it-trattat)?

154. Fil-fehma tiegħi, mill-kunsiderazzjonijiet f'dawn il-konklużjonijiet isegwi li, sa fejn l-effett ta' dawn ir-riżervi jkun li tiġi prekluża l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, dawn ir-riżervi ma għandhomx ikunu applikabbli.

155. Għaldaqstant, ir-risposta għat-tielet domanda għandha tkun li l-Istati Membri ma għandhomx diskrezzjoni f'qasam li jaqa' fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni u huma preklużi milli jirrispondu għar-riżervi magħmula minn Partijiet Kontraenti oħra jew milli japplikaw kriterji għajr dawk stabbiliti fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115.

D. Fuq ir-raba' domanda

1. Sommarju tal-argumenti tal-partijiet

156. RAAP u l-Kummissjoni jqisu, essenzjalment, li ma huwiex permissibbli li d-dritt għal ħlas ekwu previst fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115 ikun limitat għal produtturi ta' reġistrazzjoni awdjo, jiġifieri li d-dritt jiġi miċħud lill-artisti li l-prestazzjonijiet tagħhom ikunu ġew inklużi f'dik ir-reġistrazzjoni awdjo f'ċirkustanzi li fihom il-produtturi jingħataw id-dritt.

157. PPI ssostni li, permezz tar-raba' domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk huwiex permess, skont il-WPPT, li produtturi u artisti jiġu ttrattati b'mod differenti, billi jiġi rrikonoxxut id-dritt ta' produtturi għal ħlas ekwu filwaqt li dak id-dritt ma jingħatax lil artisti. PPI tissottometti li r-risposta għal din id-domanda tista' tingħata fl-affermattiv.

35 Ara l-Artikolu 14 tal-Ftehim TRIPS.

158. L-Irlanda ssostni li hija għandha dritt tittrasponi d-Direttiva 2006/115, u b'teħid inkunsiderazzjoni tar-riżerva magħmula mill-Istati Uniti, jekk ikun meħtieġ, tagħti trattament nazzjonali lil artisti li jkunu qegħdin jippreżentaw jew li jkunu residenti/domiċiljati f'pajjiż taż-ŻEE, flimkien mal-għażla li żżid il-kategoriji ta' artisti permezz ta' ordni eżekuttiva. Din id-diskrezzjoni teżisti abbażi tat-test tad-Direttiva, l-istorja leġiżlattiva tagħha u l-preambolu tagħha indirizzat lil operaturi ekonomiċi fl-Unjoni Ewropea. L-Irlanda għandha d-dritt, l-iktar meta jitqies in-nuqqas relatat ta' drittijiet mogħtija fil-liġijiet interni tal-Istati Uniti, iżda wkoll minħabba li l-WPPT ma huwiex direttament effettiv, li tifred id-dritt għal ħlas li jistgħu jiksbu l-produtturi mid-drittijiet li jistgħu jiksbu l-artisti meta l-prestazzjonijiet ikunu ġew irreġistrati mod ieħor f'fonogramma minħabba regoli tad-dritt nazzjonali dwar l-ewwel pubblikazzjoni fi Stat Kontraenti ieħor.

2. Analiżi

159. Permezz tar-raba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk huwiex permissibbli li d-dritt għal ħlas ekwu jiġi limitat b'mod li artisti li l-prestazzjonijiet tagħhom ikunu ġew inklużi f'dik ir-reġistrazzjoni awdjo ma jirċievu ebda ħlas u l-ħlas jakkumula biss għall-benefiċċju tal-produttur tar-reġistrazzjoni.

160. Kif irrilevat RAAP, l-Artikolu 8(2) huwa espliċitu ħafna meta jobbliga lill-Istati Membri jagħtu drittijiet ta' ħlas kemm lil artisti kif ukoll lil produtturi. Din kienet devjazzjoni maħsuba mill-pożizzjoni fid-dritt internazzjonali esposta fil-Konvenzjoni ta' Ruma meta ġiet adottata d-Direttiva 2006/115 [36]. L-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-WPPT allinjat il-pożizzjoni internazzjonali u l-pożizzjoni skont id-Direttiva.

161. Dan huwa kkorroborat mill-kuntest u mill-għan ta' din id-direttiva. Huwa ċar, partikolarment mill-premessi 5, 7 u 10 tagħha, li l-għanijiet ta' din id-direttiva jinkludu l-protezzjoni ta' artisti, l-armonizzazzjoni ta' wħud mid-drittijiet tagħhom mal-Unjoni Ewropea kollha u li jiġi żgurat li l-Istati Membri jimplimentaw id-drittijiet inkwistjoni, konformement mal-obbligi tagħhom fid-dritt internazzjonali.

162. Huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li t-test tal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115 jeżiġi li l-Istati Membri jiżguraw li jkun hemm qsim tal-ħlas. Minħabba li dan id-dritt ma jistax jiġi rrinunzjat, qsim li huwa ekwiparabbli għal ebda ħlas ikun *de facto* esproprjazzjoni tad-dritt anki meta dan ikun miftiehem bejn il-produtturi ta' reġistrazzjonijiet u l-artisti (ara l-premessi 12 u 13 tad-Direttiva f'dan ir-rigward).

163. Kif tirrikonoxxi l-qorti tar-rinviju, mill-kawża SENA [37] isegwi li l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 92/100 (illum l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115) għandu jiġi interpretat b'mod uniformi fl-Istati Membri kollha u applikat minn kull Stat Membru. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kwistjoni dwar jekk il-ħlas ikunx ekwu, li jirrappreżenta l-korrispettiv għall-użu ta' fonogramma kummerċjali, *inter alia* għal finijiet ta' xandir, għandha tiġi evalwata, b'mod partikolari, fid-dawl tal-valur ta' dak l-użu fil-kummerċ.

164. Anki l-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-Istati Membri għandhom diskrezzjoni jistabbilixxu, fit-territorju tagħhom, il-kriterji l-iktar xierqa sabiex jiżguraw, fil-limiti imposti mid-dritt tal-Unjoni u b'mod partikolari mid-Direttiva 2006/115, konformità ma' dak il-kunċett tal-Unjoni dwar jekk il-ħlas, li jirrappreżenta l-korrispettiv għall-użu ta' fonogramma kummerċjali, ikunx ekwu, b'mod partikolari, fid-dawl tal-valur ta' dak l-użu fil-kummerċ.

36 Ara, pereżempju, Walter, M., von Lewinski, *European Copyright Law: A Commentary, Oxford University Press, Oxford*, 2010, punt 6.8.13.

37 Sentenza tas-6 ta' Frar 2003 (C-245/00, EU:C:2003:68). Din is-sentenza tindirizza l-estent sa fejn ftehimiet internazzjonali jistgħu jintużaw bħala għajnuna fl-interpretazzjoni tad-Direttiva.

165. Madankollu, inqis li r-riferiment għall-"kriterji xierqa li jiżguraw konformità" ma jestendix għad-determinazzjoni *ratione personae* tal-benefiċjarji skont l-Artikolu 8(2). Għall-kuntrarju, id-diskrezzjoni tal-Istati Membri tkun limitata, bħala prinċipju, għal evalwazzjoni ta' dak li huwa ekwu f'termini ta' ħlas.

166. Inkella, ikun imur kontra l-għan tad-Direttiva 2006/115 li tiġi stabbilita protezzjoni legali armonizzata fil-qasam tal-proprjetà intellettwali, jekk l-Artikolu 8(2) ikun jista' jintuża mill-Istati Membri bħala bażi sabiex jiġu identifikati l-benefiċjarji ta' dak il-ħlas. Tali approċċ imur kontra l-premessa 17 [38].

167. Fl-aħħar nett, jista' jiġi rrilevat li l-liġijiet dwar id-drittijiet tal-awtur tal-maġġoranza tal-Istati Membri (mill-inqas 18-il Stat Membru) jipprevedu espliċitament [39] li, fin-nuqqas ta' ftehim, il-ħlas ekwu uniku — wara t-tnaqqis tal-ispejjeż leġittimi għal xogħol — għandu jinqasam indaqs (50:50) bejn artisti u produtturi.

168. Isegwi li r-risposta għar-raba' domanda għandha tkun li huwa inkonsistenti mal-Artikolu 8(2) li d-dritt għal ħlas ekwu jiġi limitat b'tali mod li l-artisti li l-prestazzjonijiet tagħhom ikunu ġew inklużi fir-reġistrazzjoni awdjo ma jirċievu ebda ħlas u li huwa biss il-produttur tar-reġistrazzjoni li jirċievi tali benefiċċju.

IV. Konklużjoni

169. Għal dawn ir-raġunijiet, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposta għad-domandi magħmula mill-High Court (l-Irlanda) għal deċiżjoni preliminari, kif ġej:

1) L-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet ta' l-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali, għandu jiġi interpretat fid-dawl tar-rekwiżiti tat-Trattat tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali (WIPO) dwar il-Preżentazzjonijiet u l-Fonogrammi (WPPT) li fir-rigward tiegħu l-Unjoni hija parti u huwa konformi mal-obbligu tal-Unjoni li tagħti trattament nazzjonali kif mitlub mill-Artikolu 4 tal-WPPT mingħajr il-ħtieġa ta' dispożizzjoni speċifika għal dan l-għan.

2) Stat Membru ma għandux diskrezzjoni jippreskrivi kriterji sabiex jiġi stabbilit liema artisti jikkwalifikaw bħala "artisti rilevanti" skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2006/115. B'mod partikolari, Stat Membru ma jistax jirrestrinġi d-dritt li ħlas ekwu jinqasam f'ċirkustanzi fejn il-prestazzjoni sseħħ fiż-Żona Ekonomika Ewropea indipendentement minn jekk l-artisti jkunux iddomiċiljati jew residenti f'pajjiż taż-ŻEE.

3) L-Istati Membri ma għandhomx diskrezzjoni f'qasam li jaqa' fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni u huma preklużi milli jirrispondu għar-riżervi magħmula minn Partijiet Kontraenti oħra tal-WPPT jew milli japplikaw kriterji għajr dawk stabbiliti fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115.

4) Ikun inkonsistenti mal-Artikolu 8(2) li d-dritt għal ħlas ekwu jiġi limitat b'tali mod li l-artisti li l-prestazzjonijiet tagħhom ikunu ġew inklużi fir-reġistrazzjoni awdjo ma jirċievu ebda ħlas u li huwa biss il-produttur tar-reġistrazzjoni li jirċievi tali benefiċċju.

38 "Id-drittijiet tal-kiri u s-self armonizzati u l-protezzjoni armonizzata fil-qasam tad-drittijiet relatati mad-drittijiet ta' l-awtur m'għandhomx ikunu eżerċitati b'mod li jikkostitwixxu restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn Stati Membri […]"

39 Il-Belġju, il-Bulgarija, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, u l-Isvezja.